KUNSILL LOKALI
IS-SIĠĠIEWI
Città Ferdinand

# Rapport Amministrattiv
# Jannar – Diċembru 2024

## Contents

**Introduzzjoni mis-Sindku** ........ 4
**Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi** ........ 5
**L-amministrazzjoni** ........ 5
**Dekasteri u Responsabiltajiet** ........ 6
**Seduti tal-Kunsill** ........ 9
**Attendenza tal-Kunsilliera għas-Seduti fl-ewwel sitt xhur (it-8 leġislatura)** ........ 9
**Attendenza tal-Kunsilliera għas-Seduti fit-tieni sitt xhur (id-9 leġislatura)** ........ 10
**Ilmenti** ........ 10
**Ingaġġ ta' Customer Care Support Clerk** ........ 12
**Allokazzjoni finanzjarja** ........ 12
**Skemi Finanzjarji** ........ 13
**Ambjent** ........ 15
**Investiment f'CCTV cameras u wifi spots ġodda fis-Siġġiewi** ........ 15
**Smart Bins fis-Siġġiewi** ........ 15
**Tħawwil ta' siġar ġodda madwar il-lokalita'** ........ 15
**Azzjoni fuq żvillup illegali fis-Siġġiewi** ........ 15
**Iktar ħidma favur l-indafa fil-lokalita'** ........ 16
**Kura tal-annimali** ........ 16
**Infrastruttura u sigurtà** ........ 16
**Proġett Family Park fis-Siġġiewi** ........ 16
**Toroq ġodda fis-Siġġiewi** ........ 17
**Miżuri ta' sigurta' f'Toroq Siġġiwin** ........ 17
**Sigurta' u manutenzjoni frekwenti fil-Bandli fi Triq Dr Nikola Zammit, il-gym miftuħ u l-park ta' Għar Lapsi** ........ 17
**Proġett ta' Reading Garden fi Triq Mons Mikiel Azzopardi** ........ 17
**Xogħolijiet b'kollaborazzjoni mad-Dipartiment tax-Xogħolijiet Pubbliċi** ........ 17
**Proġett Komunitarju fiz-zona ta' Ramija** ........ 18
**Proġett Vjal Kulħadd** ........ 18
**Proġetti ta' Restawr u Ħarsien ta' Patrimonju Siġġiewi** ........ 18
**Xogħolijiet fuq Widien fil-konfini tas-Siġġiewi** ........ 18
**Xogħolijiet f'Għar Lapsi** ........ 18

Iktar sigurta' fit-toroq ........ 19
Proġetti ta' Mobilta' ........ 19
Kultura, Edukazzjoni u Sports ........ 19
Korsijiet edukattivi u Kuturali ġewwa ċ-Ċentru Ċiviku ........ 19
Ġemellaġġi ........ 20
Saħħa ........ 21
Servizz lil Anzjani Siġġiwin ġewwa ċ-Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi ........ 21
Attivitajiet organizzati mill-Kunsill Lokali Siġġiewi ........ 21
Sosten finanzjarju li Librerija Pubblika Karmenu Vassallo fis-Siġġiewi ........ 21
Attivita' Letterarja – Vjal il-Ktieb ........ 22
Għajnuna u kollaborazzjoni mir-Reġjun Punent ........ 22
Għajnuna kontinwa lil Għaqdiet Siġġiwin ........ 22
Servizzi offruti u utilitajiet ........ 22
Kuntatt mar-residenti ........ 23

KUNSILL LOKALI
IS-SIĠĠIEWI
Città Ferdinand

## Introduzzjoni mis-Sindku

Huwa unur kbir għalija li nippreżenta dan l-ewwel rapport annwali amministrattiv bħala Sindku ta' din il-Lokalita'. Dan ir-rapport juri l-impenn kontinwu tagħna lejn it-tkabbir sostenibbli u l-ġid komuni tal-komunità tagħna. Matul is-sena li għaddiet, konna impenjati f'numru ta' proġetti li kienu jikkontribwixxu għar-rinnovament tal-infrastruttura. u l-ambjent, it-tisħiħ tas-servizzi pprovduti, u l-promozzjoni ta' attivitajiet kulturali u soċjali li jġibu lokalita' aħjar u jagħtu lir-resident 'Kunsill li Jaqdik'.

Dan ir-rapport jinkludi dettalji dwar il-proġetti li ġew implimentati, l-impatt tagħhom fuq il-komunità, u l-pjanijiet futuri li għandna biex inkomplu nsaħħu l-lokalità tagħna. Ninsabu kburin bil-progress li għamilna, iżda nafu li hemm dejjem lok għal titjib. B'kollaborazzjoni ma' kulħadd, nistgħu nkomplu noħolqu lokalità aktar b'saħħitha, aktar inklussiva, u aktar sostenibbli.

Napprezzaw il-kollaborazzjoni u l-impenn ta' dawk kollha li taw sehemhom matul din is-sena b'mod partikolari lil sħabi l-kunsilliera lokali, is-Segretarja Ezekuttiv, l-membri tal-istaff u l-kuntratturi kollha imqabbda minnha għal xi serviżż.

Ċert li dan ir-rapport juri l-impenn tagħna lejn il-komunità u l-futur tagħha.

Tislijiet,

**Il-Perit Julian Borg**
***Sindku***
***Kunsill Lokali is-Siġġiewi***

KUNSILL LOKALI
IS-SIĠĠIEWI
Città Ferdinand

**Rendikont ta' Ħidma 2024 - Sena ta' impenn b'saħħtu mill-Kunsill Lokali is-Siġġiewi**

L-iskop ta' dan id-dokument hu sabiex jagħti rendikont tal-ħidma b'mod ġenerali mwettqa mill-Kunsill Lokali is-Siġġiewi matul is-sena 2024, filwaqt li jelenka l-programm ta' ħidma għall-2025, f'diversi setturi kif elenkat f'dan ir-rapport.

**Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi**

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi, Citta' Ferdinand, belt b'popolazzjoni li llum qorbot id-9000, huwa magħmul minn seba' Kunsilliera, b'Sindku u Viċi-Sindku, eletti direttament mill-poplu tas-Siġġiewi. L-Amministrazzjoni tal-Kunsill, bir-responsabiltajiet kollha skont l-Att XV ta' l-1993 dwar il-Kunsilli Lokali, hi mmexxija mis-Segretarju Eżekuttiv, bl-assistenza ta' tlett impjegati amministrattivi. Kull Kunsillier huwa assenjat b'responsabiltajiet hekk kif elenkati fl-erbatax il-Skeda.

Bħalissa l-Kunsill għandu tlett ħaddiema assenjati minn skemi ta' RSSL (2) u CWS (1) biex jgħinu fl-operat ta' kuljum, kemm fix-xogħol tal-uffiċċju u anka xogħol ta' manutenzjoni ġenerali. Fl-ewwel sitt xhur tas-sena 2024, minn Jannar sal-aħħar ta'Ġunju, il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi kien kompost minn :

- Dominic Grech - Sindku
- Rodianne Haber – Viċi Sindku
- Dr. Kurstein N. Sant
- Julian Borg
- Adrian Farrugia
- Francine Farrugia
- Gillian Farrugia Pace

L-aħħar Seduta tal-Leġislatura numru 8 saret fl-24 ta' Ġunju 2024. Fit-8 ta' Ġunju 2024 saru l-elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali, fejn il-Kunsill il-ġdid beda jopera mill-1 ta' Lulju 2024, fejn fl-ewwel Seduta tad-disa' leġislatura, il-Kunsillier Julian Borg ġie elett Sindku u l-Kunsillier Ryan Cachia Viċi Sindku. Il-Kunsill Lokali tad-disa' leġislatura huwa kompost minn:

- Julian Borg - Sindku
- Ryan Cachia – Viċi Sindku
- Christopher Farrugia
- Francine Farrugia
- Dominic Grech
- Albert Pace
- Charles Vassallo

L-Amministrazzjoni mmexxija mis-Segretarju Eżekuttiv Is-Sra. Ritienne Giorgino (Kap Amministrattiv, Eżekuttiv u Finanzjarju), li tassigura kontinwita' f'dak li huwa xogħol, u tassigura li x-xogħlijiet u servizzi lir-residenti tal-lokal jibqgħu għaddejjin mingħajr xkiel.

**L-amministrazzjoni**

L-Amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi hija komposta minn:
Segretarju Eżekuttiv: Ms. Ritienne Giorgino

Impjegati klerikali: Ms. Maria Muscat (Assistent Prinċipal u Deputat Segretarju Eżekuttiv),
Ms. Martina Galea (Uffiċjal Eżekuttiv – Assistent Prinċipal)
Ms. Leanne Mifsud (Front-Office u Customer Care Clerk)

Ms. Maria Muscat tokkupa l-kariga ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv skond Artiklu 50 tal-Att dwar il-gvern Lokali (Art 363) u regolament 7 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 363.20 (Regolamenti dwar Kunsilli Lokali (Riżorsi Umani).

L-Uffiċjal Eżekuttiv ġiet promossa għal Assistent Prinċipal f'Awwissu 2024, b'approvazzjoni mill-Kunsill wara 5 snin ta' performance tajba fil-qadi tad-dmirijiet assenjati lilha.

L-istaff amministrattiv huwa mħeġġeġ jattendi għal diversi sezzjonijiet ta' taħriġ, kemm relatati max-xogħol u anka oħrajn ta' interess in ġenerali. Dawn il-korsijiet jiġu organizzati, kemm mill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali, bir-Reġjun Punent, jew mid-Dipartiment Għall-Gvern Lokali.

**Dekasteri u Responsabiltajiet**

Mill-1 ta' Jannar sa Ġunju, fit-tmien Leġislatura, il-Kunsilliera kienu assenjati bir-responsabiltajiet tagħhom, skond l-Att dwar il-Kunsilli Lokali (Kap 363), taħt it-12 -il Skeda, li kienu kif jidhru hawn taħt u kif assenjati lilhom f'Seduta 395.

**Dominic Grech (Sindku)**

- Finanzi
- Fondi Ewropej
- Rapprezentant Kunsill tal-Kunsill Reġjonali
- Rappreżentant GAL Majjistral

**Rodianne Haber (Viċi-Sindku)**

- Proġetti
- Iż-Żgħażagħ u t-tfal (Kunsill Lokali Tfal u ż-Żgħażagħ)
- Il-Ħarsien tal-Annimali
- Anzjani

**Kurstein Sant (Kunsillier)**

- L-Ambjent Urban
- Sport u Attivitajiet Fiżiċi
- Kultura u Patrimonju Storiku
- Turizmu

**Adrian Farrugia (Kunsillier)**

- Indafa u immaniġjar tal-iskart
- Infrastruttura, Immaniġjar tat-Traffiku u Sigurta' Lokali

**Gillian Farrugia Pace (Kunsillier)**

- Qasam Soċjali
- Komunitajiet
- Integrazzjoni Soċjali

**Julian Borg (Kunsillier)**

- Ambjent Rurali;
- Innovazzjoni;
- Materji relatati mal-Awtorita' tal-Ippjanar
- Għar Lapsi u Ħarsien tal-Widien Siġġiwin

**Francine Farrugia (Kunsillier)**

- Edukazzjoni;
- Persuni b'Diżabilita'
- Aċċessibilta' u Ugwaljanza

Mill-1 ta' Lulju sa Diċembru, fid-disa' Leġislatura, il-Kunsilliera kienu assenjati bir-responsabiltajiet tagħhom, skond l-Att dwar il-Kunsilli Lokali (Kap 363), taħt it-12 -il Skeda, li kienu kif jidhru hawn taħt u kif assenjati lilhom f'Seduta 457.

**Il-Perit Julian Borg – Sindku**
**Dekasteri: Ambjent, Infrastruttura u Proġetti**
Responsabiltajiet oħra:

- Finanzi
- Ġemellaġġi u relazzjonijiet internazzjonali
- Rappreżentanza fir-Reġjun Punent
- Trasport Pubbliku
- Infurzar (pulizija, LESA, Transport Malta)
- Kumitat Ambjent u Siġurtà (chair)
- Kumitat Żona Ċentrali, Pjazza u l-Madwar
- Bord tal-Aġġudikazzjoni ta' Tenders
- Bord ta' Interviews u Impjiegi
- Attivitajiet
- Għaqdiet (flimkien ma' Ryan Cachia)
- Fuljett tal-Kunsill (flimkien ma' Francine Farrugia)

**Ryan Cachia – Viċi Sindku**
**Dekasteri: Kultura u Komunitajiet**
Responsabiltajiet oħra:

- Strateġija għat-turiżmu
- Kumitat Kultura u Wirt Storiku (chair)
- Carrying Capacity Study tal-lokalità
- Komunità Kummerċjali

- Bord tal-Aġġudikazzjoni ta' Tenders
- Bord ta' Interviews u Impjiegi
- Għaqdiet (flimkien ma' Julian Borg)
- Jum is-Siġġiewi – Re-Branding u Ippjanar (flimkien ma' Dominic Grech)

**Francine Farrugia**
**Dekasteri: Edukazzjoni, Żgħażagħ u Tfal, Ħarsien tal-Annimali**
Responsabiltajiet oħra:

- Librerija Pubblika
- Eco-Skola u proġetti STEM (Fit-30 ta' Settembru 2025 (minuta 462.5.1) ġie taħt ir-responsabilta' tal-Kunsillier Christopher Farrugia)
- Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ (moderator)
- Bord tal-Aġġudikazzjoni ta' Tenders
- Fuljett tal-Kunsill (flimkien ma' Julian Borg)

**Charles Vassallo**
**Dekasteri: Indafa u Anzjani**
Responsabiltajiet oħra:

- Kura u Saħħa Pubblika
- Implimentazzjoni istema CCTV
- Innovazzjoni Diġitali fis-servizz tal-Kunsill Lokali

**Christopher Farrugia**
**Dekasteri: Sports u Attivitajiet Fiżiċi u l-Innovazzjoni**
Responsabiltajiet oħra:

- Enerġija Rinnovabbli
- Ġonna Pubbliċi
- Bord tal-Aġġudikazzjoni ta' Tenders
- Bord ta' Interviews u Impjiegi

**Dominic Grech**
Responsabiltajiet:

- Jum is-Siġġiewi – Re-Branding u Ippjanar (flimkien ma' Ryan Cachia)
- Implimentazzjoni restawr strutturali fuq binjiet storiċi jew niċeċ b'mod partikolari Kappella tal-Lunzjata (Salib tal-Għolja) u Kappella tal-Karmnu (Fawwara) (Flimkien ma' Julian Borg)

**Albert Pace**
**Dekasteri: Il-Qasam Soċjali u Integrazzjoni Soċjali**
Responsabiltajiet oħra:

- Għar Lapsi
- Kumitat Żona Ċentrali, Pjazza u l-Madwar (flimkien ma' Julian Borg)
- Dwal tat-Toroq
- Għajnuna u inizzjattivi Persuni bi bżonnijiet speċjali

**Seduti tal-Kunsill**

Fis-sena 2024, il-Kunsill tlaqqa' 17-il darba, fejn żewġ Seduti kienu imsejħa b'urġenza minħabba materji speċifiċi. Minn Jannar sa Ġunju kien hemm disgħa Seduti (Seduti 449-457), filwaqt li fl-aħħar sitt xhur tas-sena il-Kunsill tlaqqa' tmien darbiet (Seduti 458-465).

**Attendenza tal-Kunsilliera għas-Seduti fl-ewwel sitt xhur (it-8 leġislatura)**

| Kunsillier | Preżenti | Assenti | Total ta' Seduti |
|---|---|---|---|
| Dominic Grech | 7 | 2 | 9 |
| Rodianne Haber | 7 | 2 | 9 |
| Kurstein Sant | 3 | 6 | 9 |
| Julian Borg | 9 | 0 | 9 |
| Adrian Farrugia | 3 | 6 | 9 |
| Francine Farrugia | 8 | 1 | 9 |
| Gillian Farrugia Pace | 5 | 4 | 9 |



**Attendenza tal-Kunsilliera għas-Seduti fit-tieni sitt xhur (id-9 leġislatura)**

| Kunsillier | Preżenti | Assenti | Total ta' Seduti |
|---|---|---|---|
| Julian Borg | 8 | 0 | 8 |
| Ryan Cachia | 8 | 0 | 8 |
| Christopher Farrugia | 8 | 0 | 8 |
| Francine Farrugia | 5 | 3 | 8 |
| Dominic Grech | 7 | 1 | 8 |
| Albert Pace | 6 | 2 | 8 |
| Charles Vassallo | 8 | 0 | 8 |




**Ilmenti**

*"Kull lokalità għandu jkollha Kunsill Lokali li jkollu dawk il-funzjonijiet kollha li jingħataw lilu b'dan l-Att."*

Il-Kunsill Lokali għandu l-obbligu jatwa l-funzjonijiet tiegħu kif tippermetti l-Liġi (Att dwar il-Gvern Lokali Kapitolu 363).

Tul is-sena ġew reġistrati kważi sitt elef rapport, b'telefonati, e-mails jew messaġġi elettroniċi.

Il-maġġor parti tal-ilmenti jkunu imqassma hekk:

- Talbiet għas-servizz ta' ġbir ta' skart goff (kważi 5000 talba)
- qtugħ ta' ħaxix u tindif fiż-żona rurali (87)
- bozoz maqtugħa, shifting, talbiet għal bozoz ġodda (279)
- ilment relatati ma' tabelli u sinjali tat-traffiku inkluż mirja (198)
- tindif fiż-żona rurali, knis u ġbir ta' skart (375)
- ilmenti ġenerali ta' kull tip ieħor (112)

Barra dawn ikun hemm bosta ilmenti 'day to day' li jiġu solvuti dak il-ħin, fosthom nuqqas ta' ġbir ta' skart, u water leakages li jiġu rrapurtati dak il-ħin. Qed jiġi nnotat li l-ammont ta' ilmenti naqsu, filwaqt li t-talbiet għas-servizz tal-ġbir ta' skart żdiedu sostanzjalment. Dan huwa riżultat pożittiv u jirrifletti li r-residenti saru iktar konxji tas-servizzi offruti mill-Kunsill Lokali u qed jagħmlu użu minnhom, filwaqt li qed jonqos ir-rimi illegali.




Il-Kunsill ressaq għall-approvazzjoni ta' transport Malta diversi rikjesti minn residenti. L-iktar rikjesti komuni jkunu dawk ta' double yellow lines fil-ġnub tal-garaxxijiet għal-liberu aċċess. Kien hemm ukoll diversi ilmenti dwar tiswija tal-ħitan tas-sejjieħ li jkunu ta' sostenn għat-triq, tranġar ta' toroq tal-bdiewa, u anka rikjesti għal xogħol infrastrutturali maġġuri ta' toroq.

Filwaqt li l-Kunsill jagħmel l-almu tiegħu biex jipprovdi l-aħjar servizz possibbli, ikunu diversi ir-rikjesti li ma jaqgħux taħt ir-responsabbilta' ta' Kunsill Lokali u anka li ma jkunux jistgħu jitwettqu minħabba limitazzjonijiet ta' finanzi.

Madankollu, il-Kunsill jagħmel il-pressjoni kollha neċessarja mal-awtoritjiet biex jikseb għajnuna kemm fuq xogħol u anka fuq finanzi għal ġid tar-residenti tal-lokal.

Nistgħu ngħidu li wara follow-up minn naħa tal-amministrazzjoni mal-awtoritajiet fosthom Enemalta, WSC, ilmenti ta' infurzar li jgħaddu għand il-LESA jew Pulizija il-maġġor parti tal-ilmenti jiġu riżolti.

L-amministrazzjoni tara wkoll li ir-residenti jkunu sodisfatti bis-servizzi offruti, u b'mod frekwenti isir kuntatt regolari għal feedback mir-resident kemm fejn jirrigwarda ġbir ta' skart goff u anka dwar ilment ta' dawl u oħrajn. Tkompla ukoll servizz ta' tqassim ta' boroż tal-iskart organiku provduti mill-iskema tal-GreenMT.

**Ingaġġ ta' Customer Care Support Clerk**

Fis-sena 2024, il-Kunsill approva biex jinbeda l-proċess għall-ingaġġar ta' Customer Care support clerk. Dan biex l-istaff amministrattiv jiġu komplet, u jkun hemm persuna full-time iffukata biss fuq it-talbiet riċevuti, u ssegwihom sakemm jissolvew.

**Allokazzjoni finanzjarja**

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi ġie allokat mill-Gvern l-ammont ta' €955,493 għas-sena finanzjarja Jannar-Diċembru 2024 b'allokazzjoni diretta skond l-Artiklu 55 tal-Att.

Is-somma tinħadem fuq dawn il-kriterji:

- Tisbiħ u manutenzjoni ta' ġonna inkluż lattrini
- Manutenzjoni ta' toroq (tiswija u sinjali tat-traffiku)
- Manutenzjoni ta' toroq (knis u tindif ta' toroq urbani)
- Manutenzjoni ta' toroq (knis u tindif ta' toroq rurali)
- Immaniġġjar ta' skart (ġbir ta' skart u bins-on-wheels u waste tipping fees)
- Spejjez ta' amministrazzjoni

Il-Kunsill applika ukoll għal fondi ta' aġġustament taħt il-Fond għall-Bliet Kapitali, ex Belt Kapitali u Bliet, fejn ġie allokat is-somma addizjonali ta' €10,000.

Id-dħul prinċipali tal-Kunsill jiġi mill-Gvern Ċentrali. L-ispiża maġġuri tal-fondi huma l-kuntratti ta' servizzi fosthom tindif u manutenzjoni ta' toroq, inkluż sinjali u marki tat-traffiku, liema allokazjoni taqbeż it-€300,000. Sfortunatament jintefqu ħafna flus ukoll għal tiswija ta' diversi ħsarat ta' vandaliżmu, u rimi illegali li jistgħu jintużaw għal proġetti ta' tisbiħ li jista' jgawdi kulħadd.

Il-kuntratti maġġuri huma dawn:

- Ġbir ta' skart domestiku
- Knis
- Tindif ta' żoni rurali

- Manutenzjoni ta' roundabouts u żoni pubbliċi
- Tindif ta' lattrini
- Ġbir ta' skart goff
- Manutenzjoni ta' tabelli u sinjali tat-traffiku
- Kuntratti infrastrutturali

Il-Kunsill ikollu dħul ukoll mill-permessi li jinħarġu rregolati minn L.S.441.04, permessi ta' makkinarju, skips, mwejjed u siġġijiet, posta/kiosks u attivitajiet oħra li jinħtieġu permessi mill-Kunsill Lokali. Is-sistema diġitali online hija uniformi mal-Kunsilli Lokali kollha u għal aktar effiċjenza u trasparenza. Matul is-sena, kien hemm dħul ta' €46,334 minn dawn il-permessi.

Il-Kunsill jirċievi ħlas mil-LESA ta' 10% tal-ħlasijiet ta' kontravenzjonijiet li jitħallsu fl-Uffiċċju tas-Siġġiewi, li tul is-sena kien ta' €3800. Il-Kunsill ma jirċievi l-ebda kontribuzzjoni finanzjarja fuq ħlasijiet li jirċievi f'isem id-dipartiment tal-Artijiet u il-liċenzji ta' negozji.

**Skemi Finanzjarji**
Dħul ieħor sostanzjali jiġi minn diversi skemi mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali kif ukoll skemi b' fondi tal-UE li l-Kunsill japplika għalihom. Il-Kunsill jieħu dawn l-applikazzjonijiet b'serjetà kbira biex ikun jista' jissottometti l-maġġor parti tal-applikazzjonijiet b'suċċess u allura jkollu iktar fondi għall-proġetti u attivitajiet kulturali għall-ġid tal-lokal u tar-residenti. Il-Kunsill ibbenefika minn fondi mid-diversi skemi li joħorġu matul is-sena. Il-ħidma sfieqa tat ir-riżultati tagħha biex dawn l-iskemi ikunu konformi u jikkwalifikaw.

**Skema għal Attivitajiet Kulturali Annwali**
Għal din is-sena, il-Kunsill applika għall-fondi għal festa għeneb fejn ġie allokat finazjament ta' €18,000. Din l-attivita' ssir kull sena, b'kollaborazzjoni ma' diversi għaqdiet lokali. Attivita' li saret sinonima mas-Siġġiewi u daħlet ukoll fil-kalendarju kulturali. Sfortunatament ma kienx hemm għajnuna ta' fondi għall-attivita' tal-Mixgħela tas-Salib tal-Għolja 2024 u għaldaqstant ġiet finanzjata interament minn fondi lokali.

**Skema għal manutenzjoni u sostenn ta' proġett infrastrutturali maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali**
Bil-għan li nkomplu nħaddru s-Siġġiewi għal ambjent iktar sabiħ u b'saħħtu, il-Kunsill Lokali applika għal proġett infrastrutturali fi Triq ta' Bur il-Kbir, biex isiru numru ta' konok u jitħawlu ammont konsiderevoli ta' siġar imdaqqsa indiġeni tul it-triq. Dan huwa wieħed mill-proġetti għal dan l-iskop, fejn hemm pjanati żieda ta' madwar 3000 siġra fil-lokal fis-snin li ġejjin. Dan il-proġett ġie aċċettat għal finanzjament ta' €30,000.

**Skema ta' tindif**
Għal din is-sena wkoll, il-Kunsill applika għall-iskema Clean Up The World fejn ġie finanzjat €1500 għal tindif fiż-żona rurali fejn tneħħa amont ta' terrapien mormi illegalment fil-kampanja. Barra dan, il-Kunsill applika u bbenefika minn €3000 mir-Reġjun Punent għal tindif estensiv fil-kampanja.

**Espressjoni ta' interess għal tranġar ta' binjiet pubbliċi**
Il-Kunsill Lokali issottomessa applikazzjoni biex issir manutenzjoni estensiva tal-lattrina tal-Pjazza. Dan wara li ġie ċċertifikat li hemm ħsarat infrastrutturali tant li parti mill-lattrina kellna tingħalaq. Bħalissa għaddejjin spezzjonijiet mid-Dipartiment tax-Xogħolijiet biex ikun jista' jibda x-xogħol neċessarju.

**Skema Immoderniżżar ta' lattrini mir-Reġjun Punent**
Wara diversi tentattivi biex titranġa l-lattrina tal-Pjazza b'dawn il-fondi, iżda dan ma ġiet aċċettat minħabba nuqqas ta' aċċessibilta' u allura l-binja ma tikkwalifikax għaċ-ċertifikazzjoni neċessarja, il-Kunsill approva u beda proċeduri biex tiġi sottomessa applikazzjoni mal-awtorita' tal-Ippjanar għal lattrina ġdida fi Pjazza San Nikola.

Sadanittant, mill-iskema tar-Reġjun, il-Kunsill b'arranġament mad-Diparitment tax-Xogħolijiet qed issir rinnovazzjoni tal-lattrina tal-Girgenti, fejn qed jinbidel madum, fajjenza, aperturi u s-sistema tad-dawl.

**Parteċipazzjoni fi Proġetti CERV u Erasmus+**
Il-Kunsill applika b'suċċess ukoll l-ewwel darba għal proġett Erasmus+, fejn ġie allokat is-somma ta' €36,316. Dan il-proġett bit-titlu 'GreenPact' bis-sehem ta' ħames pajjiżi ewropej, kien jikkonsisti f'avveniment prinċipali bil-parteċipazzjoni ta' 35 żgħażagħ mill-ħames pajjiżi parteċipi. L-għan tal-proġett taż-żgħażagħ Greenpact huwa li jinvolvi ż-żgħażagħ f'azzjonijiet sostenibbli u jħeġġiġhom jieħdu responsabbiltà għall-ambjent.

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi applika għall-ewwel darba b'suċċess għal proġett CERV bit-title 'Echogreen'. Dan il-proġett jiġi mwettaq tul sena u nofs, bil-parteċipazzjoni ta' 13-il pajjiż Ewropew. Il-ftuħ isir fis-Siġġiewi f'Marzu 2025 u wara jsegwu 5 avvenimenti f'pajjiżi parteċipi. L-għan tal-proġett EchoGreen taħt il-programm CERV huwa li jippromwovi l-parteċipazzjoni ċivika u jsaħħaħ il-kuxjenza dwar id-drittijiet ambjentali, billi jinvolvi liċ-ċittadini f'azzjonijiet konkreti favur is-sostenibbiltà u l-ġustizzja ambjentali

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi daħal fi sħubija ukoll ma' 13-il pajjiż Ewropew fil-proġett 'Greenmove' immexxi mill-Greċja. L-għan tal-proġett GreenMove huwa li jħeġġeġ stil ta' ħajja sostenibbli billi jippromwovi l-mobilità ekoloġika u l-użu ta' mezzi ta' trasport ambjentali fost iż-żgħażagħ u l-komunità. Il-Kunsill jemmen proġetti bħal dawn jtejbu l-immaġni tal-lokalità bħala waħda impenjata favur l-ambjent u l-ġid komuni.

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi huwa wkoll f'partenarjat għal skambju fi proġett CERV Town Twinning mal-Kunsill ta' Betera f'Valencia fuq proġett ieħor ambjentali 'GreenPulse'. Dan il-proġett jittratta skambju ta' grupp ta' 25 ruħ żgħażagħ u membri tal-Kunsill bejn Betera u Malta biex jiġu mistħarrġa sistemi u metodu sostenibbli li jintużaw fiż-żewġ pajjiżi.

Dawn il-proġetti mhux biss jiftħu orizzonti ġodda u tagħrif għar-residenti Siġġiwin, iżda wkoll jippromwovu l-lokalita' mal-pajjiżi Ewropej, kif filfatt hija waħda mill-funzjonijiet tal-Kunsilli Lokali (Kap.363).

## Ambjent

### Investiment f'CCTV cameras u wifi spots ġodda fis-Siġġiewi

Permezz ta' ftehim li l-Kunsill Lokali Siġġewi għamel mar-Reġjun Punent, il-Kunsill identifika numru ta' postijiet fis-Siġġiewi fejn hemm bżonn li jiġu installati CCTV cameras ġodda bħala mizuri ta' sigurta madwar il-lokalita'. Ġew identifikati 5 siti fis-Siġġiewi fejn se jkun qegħdin jiġu installati dawn ic-cctv cameras ġodda. Il-Kunsill approva u ġew installati 3 cameras oħra f'diversi punti kritiċi fejn isir rimi illegali. Il-Kunsill ser ikun qed isegwi mal-awtoritajiet biex l-abbużi jiġu kkontrollati, filwaqt li jkompli l-kampanja ta' edukazzjoni biex ir-residenti isiru aktar konxji tal-ambjent u l-indafa, jużaw is-servizzi u jimxu mal-iskeda tal-ġbir ta' skart. Hija l-mira tal-Kunsill biex fis-snin li ġejjin jonqos l-iskart imħallat u b'hemm jiżdied l-iskart riċiklat. Dan ifisser ukoll spiża inqas li l-finanzi jistgħu jużaw għal proġetti ambjentali oħra.

### Smart Bins fis-Siġġiewi

Iż-żieda ta' 4 punti ta' smart bins fil-lokalita' qegħdin jintużaw mir-residenti, fejn ukoll naqas l-abbuż fil-madwar anka bil-għajnuna ta' sistema ta' sorveljanza 24/7 mal-LESA. Il-bins jitnaddfu kuljum mill-kuntrattur, ir-residenti Siġġiwin għandhom facilita' akbar li jistgħu jużawhom eqreb lejn id-djar tagħhom u dan anki fid-dawl ta' Avviż legali li ġie ippubblikat f'Ġunju 2021.

### Tħawwil ta' siġar ġodda madwar il-lokalita'

Matul din il-leġiżlatura ħawwilna numri ta siġar ġodda f'diversi żoni fis-Siġġiewi. Uħud minnhom saru permezz ta' inizjattivi ta' attivitajiet ambjentali ma' NGOs fosthom 7R Lifestyle Malta u s-Siġġiewi Scout Group, kif ukoll b'kollaborazzjoni mal-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ. Ħadna inizjattivi oħra bħala Kunsill fejn ħawwilna siġar f'żoni urbani fejn hemm nuqqas ta' siġar, fosthom fir-Triq Mons Mikiel Azzopardi, Triq Pietru Mallia, Triq Dun Manuel Zammit u fejn ir-roundabout ta' Brija, fil-limiti tas-Siġġiewi.

### Azzjoni fuq żvillup illegali fis-Siġġiewi

Matul din is-sena l-Kunsill Lokali is-Siġġiewi kompla jsegwi applikazzjonijiet ta' żvilupp fejn għamel numru ta' sottomissjonijiet quddiem l-Awtorita' tal-Ippjanar dwar żvillup illegali u anki żvillup propost li nemmnu li se jdgħajjef l-ambjent estetiku tal-lokalita' tagħhna kif ukoll li jista jimpatta fuq is-saħħa u s-sigurta' tar-residenti u l-familji Siġġiwin. Apparti sottomissjonijiet quddiem l-Awtorita' kkonċernata, il-Kunsill jitlob ukoll li jsir infurzar effetiv fid-dawl ta' iżvillup illegali.

**Iktar ħidma favur l-indafa fil-lokalita'**

Perjodikament, jiġu organizzati Clean Ups bl-involviment tal-għaqdiet tal-lokal, l-iskola primarja u NGO. Minbarra t-tindif, l-għan ta' dawn l-attivitajiet huwa li titqajjem kuxjenza, speċjalment mat-tfal għall-importanza tal-ambjent ta' madwarna.

Aktar minn hekk ġie iffirmat Memorandum of Understanding bejn il-Kunsill Lokali tagħna u l-Malta Cleansing Department fejn apparti xogħolijiet li jwettqu matul is-sena, jiġu identifikati numru ta' żoni urbani fil-lokalita tagħna, bħal Triq Mons Mikiel Azzoaprdi (Bypass), Triq li tagħti għal Għar Lapsi, Triq Panoramika li tagħti minn Għar Lapsi għal Wied iż-Żurrieq, l-entratura tas-Siġġiewi u żoni oħra madwar il-lokalita' tagħna.

Komplejna nsegwu mal-awtoritajiet biex isir tindif u taħmil ta' widien u tindif ta' terrapien mill-kampanja fejn l-ispiża għal dan it-tip ta' tindif dejjem tiżdied. Matul din is-sena tnaddfu diversi widien fosthom il-Wied ta' Għar Lapsi, Ta' Brija, u l-Wied tal-Ħesri.

Qed tiżdied l-inizjattiva minn diversi studenti biex jagħmlu sigħat ta' volontarjat ta' tindif fil-kampanja tas-Siġġiewi, ma' dawn jiżdiedu anke diversi għaqdiet, NGO's u anke individwi li jiddeċiedu li jagħti kontribut favur l-ambjent fis-Siġġiewi. Il-Kunsill dejjem iħajjar inizjattivi bħal dawn u flimkien mal-Uffiċjali tar-Reġjun Punent ngħinu fejn nistgħu anke niprovdu materjal għat-tindif u ġbir tal-iskart miġbur.

Il-Kunsill qed jaħdem ukoll mal-għaqdiet tal-lokal biex l-iskart wara festi u attivitajiet jiġi separat. Dan qed isir b'kollaborazzjoni mar-Reġjun Punent fejn niprovdu diversi kontenituri u skip. Jidher li din qed taħdem tajjeb, tant li l-ammont ta' skart imħallat tal-festi naqas drastikament. Dan isarraf ukoll biex intaffu parti mill-ispiża.

**Kura tal-annimali**

Matul is-sena 2024, il-Kunsill qassam ammont ta' vouchers għall-ikel lill-feeders irreġistrati. Il-vouchers ġew provduti mill-Animal Welfare. Vouchers li ma ngabrux ġew imsarfa f'ikel għal qtates li eventwalment ġew imqassma wkoll lill-feeders bħala għajnuna. Il-Kunsill ukoll għandu disponibbli gaġeġ u nases bħala għajnuna lill-feeders li jistgħu jibbenefikaw minnhom.

**Infrastruttura u sigurtà**

**Proġett Family Park fis-Siġġiewi**

Il-proġett beda f'Ottubru 2021 mill-INDIS fejn pjanat ikun lest għal nofs 2025. Il-manutenzjoni ta' dan il-ġnien ser tkun f'idejn il-Kunsill. Bi ftehim ma' Infrastructure Malta, il-Kunsill talab li tul it-triq kolla biswit il-ġnien minflok bankina bil-konkos issir konka bil-ħamrija fejn tul it-triq kollha titħawwel siġar u arbuxelli biex tagħti pulmun lill-bidu tar-raħal. Il-parti ta' wara tal-ġnien ukoll, fejn jagħti għal Tal-Ħrieri titkompla u jitħawlu ammont ta' madwar 80 siġra indiġena. Dan il-proġett huwa maħsub li jsir bil-parteċipazzjoni tat-tfal.

**Toroq ġodda fis-Siġġiewi**
It-toroq fil-pjan ta' ħidma ma Infrastructure malta ikomplu tul din is-sena u s-sena d-dieħla, fejn din is-sena titlesta l-parti ta' Triq Salvu Borg Olivier tul il-ġnien kollu, u immedjatament wara tibda Triq Blat il-Qamar, segwita bi Triq l-Għid, Triq iż-Żernieq, patri minn Triq it-Tabib Nikola Zammit u Triq il-Muża. Hemm ukoll diversi toroq rurali tal-bdiewa.

**Miżuri ta' sigurta' f'Toroq Siġġiwin**
Il-Kunsill Lokali matul din il-leġiżatura ħa diversi miżuri sabiex jiżdied il-livell ta' sigurta' fit-toroq tagħna fosthom, installazzjoni ta' 3 Belisha lights crossings fi Triq Dun Manuel Zammit; Arranġamenti ġodda ta' one-ways fis-Siġġiewi, sabiex ntejjbu l-immaniġjar tat-traffiku fil-lokalita', nagħtu aktar toroq lin-nies u lil dawk li jużaw ir-rota u fl-istess waqt ngħollu il-livell ta' sigurta' fit-toroq Siġġiwin; Miżuri addizjonali ta' sigurta' tabelli u senjaletika u mirja f'diversi toroq b'mod frekwenti

**Sigurta' u manutenzjoni frekwenti fil-Bandli fi Triq Dr Nikola Zammit, il-gym miftuħ u l-park ta' Għar Lapsi**
Il-Kunsill Lokali jassigura sigurta', b'mod speċjali fejn jifrekwentaw it-tfal. Spezzjonijiet frekwenti, manutenzjoni u tiswijiet, anka fejn ikun hemm valdaliżmu biex nassiguraw li dawn il-postijiet jinżammi fi stat tajjeb u sigur. Barra minn hekk, isiru wkoll rapporti minn nies speċjalizzati fuq sigurta' biex nassiguraw l-istandard neċessarju. Barra minn hekk, hemm il-ħsieb biex fl-iskemi finanzjarji li ġejjin, il-Kunsill japplika għal rinnovazzjoni tal-apparat tal-bandli għal wieħed iktar attrajenti u modern. Dan ukoll biex iħajjar attività fiżika u benesseri taċ-ċittadini tas-Siġġiewi.

**Proġett ta' Reading Garden fi Triq Mons Mikiel Azzopardi**
Fis-sena 2024, inħarġu l-permessi neċessarji mill-Awtorita' tal-Ippjanar għal dan il-ġnien. L-istima telgħet iktar minn dak previst, u minn fondi tal-LESA għal dan il-proġett, li issa ma jkoprux l-ispiża, il-Kunsill għamel it-talba tiegħu b'suċċess biex dan il-proġett jiġi mwettaq minn Projects Green.

Għalhekk, il-fondi tal-Proġett Komunitarju tal-LESA, jistgħu jiġu utilizzati għall-proġett ta' rinnovar ta' Triq Dun manwel Zammit, fejn qed tingħata prijorita' lis-sigurta' b'mod speċjali peress li f'din it-triq hemm kumpless sportiv frekwentat minn ħafna.

**Xogħolijiet b'kollaborazzjoni mad-Dipartiment tax-Xogħolijiet Pubbliċi**
Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi ra il-bżonnijiet ta' infrastruttura ta' bankini ġdida fil-lokalita'. Il-fatt li l-kkunsill huwa ristrett fil-finanzi tiegħu biex jibdel tali infrastruttura, qed jikkollabora mad-Dipartiment tax-Xogħolijiet pubbliċi biex isiru ix-xogħolijiet. B'hekk bejn it-2024 u t-2025 ser jinbdew il-bankini mill-ġdid f'dawn it-toroq: Triq il-Bandla, Ramija, Qiegħa, Żabbarija u Pietru Mallia, parti minn Triq Mons Mikiel Azzopardi u parti minn Triq il-Wied. Ġie kkonfermat ukoll xogħol f'toroq rurali Sqaq is-Salvatur, trejqa f'Bur il-Kbir, trejqa fi Triq it-Tiġrija, trejqa f'Tal-Għaqba, bini mill-ġdid tal-fetħa quddiem il-garaxxijiet ta' Ramija u iktar parkeġġ, tranġar tar-roundabout u żieda ta' siġar, rinnovar tar-roundabout żgħira fi Pjazza San Ġwann u hemm applikazzjoni għal diversi trejqiet fiż-żona urbana.

**Proġett Komunitarju fiz-zona ta' Ramija**

Ġie inawgurat il-Proġett Komunitarju fil-bitħa tal-binja ta' Ramija, b'ġiebja biex jissaqqew is-siġar, żieda ta' siġar u arbuxelli u iktar parkeġġi. Dan il-ġnien għadda f'idejn il-Kunsill għal manutenzjoni.

**Proġett Vjal Kulħadd**

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi applika b'suċċess għal proġett Vjal Kulħadd, li ħa jkun iffinanzjat interament minn Infastructure Malta, b'investiment għall-lokalita' ta' madwar €700,000.

Dan il-proġett jiffoka fuq it-titjib tal-bypass Triq Mons Mikiel Azzopardi– l-iktar triq użata fil-lokalità tagħna. l-proġett approvat jinkludi 229 siġra u arbuxell ġodda, 54 parkeġġ ġdid, 612m ta' cycle lane li tgħaqqad maż-żona rurali, 43 minuta (3km) ta' mixja ppjanata (safe passage), 2 bus stops ġodda, 3 pedestrian crossings ġodda, 1432 metru kwadru ta' wiċċ tal-ħamrija (tnaqqis ta' heat island effect), żieda ta' miżuri għal tnaqqis ta' veloċità, titjib fl-aċċessibbiltà, disinn ġdid għar-roundabout eżistenti in-naħa tal-Mqabba. Dan huwa pass 'il quddiem għall-iżvilupp sostenibbli u l-aħjar esperjenza għall-komunità tagħna.

**Proġetti ta' Restawr u Ħarsien ta' Patrimonju Siġġiewi**

Matul l-2024 komplejna b'aktar inizjattivi ta' restawr fuq patrimonju Siġġiewi, li kien waslu għal restawr jew manutenzjoni. Din is-sena tlesta restawr fuq l-istatwa tal-Madonna ta' Lourdes u niċċa tal-Madonna fi Triq San Nikola. Inbeda l-proċess ukoll għar-restawr tal-istatwa ta' San Pawl u niċċa oħra fi Triq San Nikola.

Il-Kunsill qed isegwi mill-qrib ukoll il-proġett ambizzjuż tar-restawr taz-zuntier tal-Knisja mid-Dipartiment tax-xogħolijiet. Il-Kunsill qed isegwi wkoll il-proġett tar-restawr tal-Kappella tal-Lunzjata f'Tal-Għolja, proġett iffinanzjat mill-Gvern Ċentrali permezz tad-direttorat tar-restawr. Investiment kulturali ieħor ta' madwar 1.4 miljun ewro.

**Xogħolijiet fuq Widien fil-konfini tas-Siġġiewi**

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi ikompli jsegwi flimkien mal-awtoritajiet diversi xogħlijiet ta' tindif u manutenzjoni f'diversi widien fis-Siġġiewi, tneħħija ta' siġar invażivi u tħawwil ta' siġar indiġeni. Il-Kunsill insista wkoll mal-awtoritajiet biex jiġu installati barrikati, li jkunu jixirqu mal-ambjent filwaqt li jipprovdu sigurta' mat-telgħa ta' Għajn il-kbira. Ġew installati wkoll barrieri mat-telgħa tal-Munxar mal-barriera u ilqugħ għall-irdum. Inbidel ukoll ilqugħ mal-irdum ta' Ġebel Ciantar lejn l-irdum ta' Ħad Dingli. Sar ukoll xogħol estensiv ta' tiswija tat-triq quddiem il-barriera fi Triq il-Panoramika li kienet ilha snin tikkawża periklu u ħsarat.

**Xogħolijiet f'Għar Lapsi**

F'Għar Lapsi kompliet il-manutenzjoni kontinwa, speċjalment fix-xhur tas-Sajf. Minħabba nuqqas ta' tindif mid-Dipartiment ikkonċernat, il-Kunsill ħa ħsieb tindif bi spejjeż extra li jsir regolari kemm fil-bajja u anka fil-park għal matul is-Sajf. Diversi tiswijiet u manutenzjoni tal-lattrina ta' Għar Lapsi, manutenzjoni kontinwa tal-bandli għal aktar sigurtà.

Il-Kunsill isegwi b'mod kontinwu mad-Dipartimenti konċernati is-sigurta' fil-bajja, biex in-netting li jżomm il-blat jinżamm intatt għas-sigurta'.

**Iktar sigurta' fit-toroq**
Il-Kunsill Lokali qed iħejji diversi proposti ġodda ta' arranġamenti tat-traffiku, fosthom fi Triq il-Knisja l-Qadima u Triq San Ġakbu, fi Pjazza San Nikola. Ser jiġu attwati wkoll it-3 zebra crossings fi Triq Dun Manwel Zammit, flimkien ma' sinjali tat-traffiku u inizjattivi oħra ta' sigurtà f'din it-triq.

**Proġetti ta' Mobilta'**
Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi qed jikkollabora ma' NGO's għal proġetti ta' mobilta' fejn minnu jgawdu t-tfal Siġġiwin. L-applikazzjoni sottomessa ġiet aċċettata fejn issa, b'koordinazzjoni mal-iskola tal-lokal, bdew id-diskussjonijiet biex dan il-proġett tal-Walking Bus jiġi attwat.

**Kultura, Edukazzjoni u Sports**

**Korsijiet edukattivi u Kuturali ġewwa ċ-Ċentru Ċiviku**
Matul din il-leġizlatura ta' Kunsill Lokali fis-Siġġiewi żidna n-numru ta' korsijiet li l-Kunsill joffri għas-Siġġiwin ġewwa ċ-ċentru civiku. Dawn il-korsijiet huma intiżi għal etajiet differenti, kemm żgħażagħ, adulti u anzjani li għandhom il-faċilita li jagħżlu xi kors ta' taħriġ li jinteresshom jtejjbu l-ħiliet tagħhom u jsiru kollha ġewwa l-binja tal-Kunsill. Korsijiet offruti kemm direttament mill-Kunsill Lokali kif ukoll b'kollaborazzjoni mal-Lifelong Learning. Matul din is-sena saru sezzjonijiet ta' zumba, Pilates, bizzila biċ-ċombini, kors dwar is-sengħa u t-teknika tal-Presepju, kors ta' taħriġ fil-kitba tal-Malti, , Kors tat-tpeniġija għat-tfal, kors ta' drama, u klassijiet tal-qari għat-trabi u ġenituri. Din is-sena wkoll, ingħata kors speċjalizzat lill-bdiewa fuq il-bexx fejn l-attendenza kienet numeruża.

**End of Year Race 2024**

Għall-ewwel darba, b'inizjattiva ta' żewġ atleti lokali, il-Kunsill organizza ġirja Jew mixja ta' 5 kilometri bil-għan li jinġabru fondi għad-Dar tal-providenza. Din l-attivita' kienet suċċess iktar milli mistenni, meta f'dawn il-jiem ikun hemm diversi attivitajiet nazzjonali. Huwa l-ħsieb tal-Kunsill li din l-attivita' tidħol fil-kalendarju annwali u d-darba li

**Attivitajiet sportivi**
Ġew organizzati diversi attivitajiet sportivi b'kollaborazzjoni mar-Reġjun Punent u l-għaqdiet tal-lokal fil-kumpless sportiv John Debattista.

**Attivitajiet Jum is-Siġġiewi 2023**
Bħal kull sena l-Kunsill Lokali Siġġiewi ħejja programm ta' attivitajiet b'risq Jum is-Siġġiewi 2024, fejn il-kunsill ħejja numru ta' attivitajiet fosthom is-Serata Mertu Onorifiċenza Siġġiewi, Attivita ambjentali ta' Clean-up u tħawwil ta' siġar kif ukoll ċerimonja ta' inawgurazzjoni ta' restawr u nispiċċaw bl-avveniment tal-Mixgħela tas-Salib tal-Għolja.

Il-qofol taċ-ċelebrazzjonijiet ta' Jum is-Siġġiewi hija Mertu Onorifiċenza Siġġiewi fejn ġiet organizzata lejla Kulturali u ġie preżentat Ġieħ is-Siġġiewi lil numru ta' Siġġiwin distinti għas-sehem tagħhom b'risq il-lokalita' tagħna tul is-snin.

**Mixgħela Ħamis ix-Xirka 2024**

Għal sena oħra il-Kunsill Lokali Siġġiewi b'kollaborazzjoni mal-Għaqdiet Każin Banda San Nikola u l-grupp Armar Siġġiewi, tellajna l-attivita' tradizzjonali tal-mixgħela tas-Salib tal-Għolja u dik fi Pjazza San Nikola, li saret f'Ħamis ix-Xirka. Grazzi lil voluntiera kollha. B'mod partikolari dawk mill-Banda San Nikola, l-Grupp tal-Armar, l-Għaqda tan-Nar u l-Brass Band għal għajnuna tagħhom sabiex għal sena oħra kellna attivita' ta' suċċess li attirat mijiet ta' persuni lejn is-Siġġiewi f'dik il-lejla. Dan l-avveniment ġie ffinanzjat interament minn fondi lokali. Is-suċċess ta' din l-attivita' hija l-għaqda u l-kollaborazzjoni bejn l-għaqdiet lokali.

**Ġbir ta' fondi f'attivitajiet lid-Dar tal-Providenza**

Huwa ta' pjaċir tagħna ngħidu, li fl-aħħar tas-sena 2024, il-Kunsill Lokali ats-Siġġiewi preżżenta s-somma sabiħa ta' €8052 lid-Dar tal-providenza. Din is-somma ġiet miġbura minn diversi attivitajiet organizzati matul is-sena għal dan il-għan, parti sostanzjali fil-End of Year Race.

**Ġemellaġġi**

Bari

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi kompla jsaħħaħ ir-relazzjoni mal-Belt ta' Bari, fejn f'Lulju 2024, is-Sindku ta' Bari għamel żjara formali lill-Kunsill Lokali fl-okkazjoni tal-ħatra tas-Sindku, wara l-għall-elezzjoni f'Ġunju. Il-Kunsill ta' Bari ġie involut ukoll biex ikun wieħed mill-partenarjat tal-proġett Ewropej immexxi mill-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi CERV, f'attivitajiet għas-sena u nofs li ġejjin, fejn flimkien niddiskutu u naqsmu idejat ambjentali u inizjattivi. Il-Kunsill tas-Siġġiewi kien mistieden ukoll tramite il-GAL biex jibda komunikat mal-GAL BARI għal eventwalita' ta' kollaborazzjoni f'fatturi komuni bħal biedja, vitikultura u kultura. Ser tiġi organizzata wkoll ġita għall-festa ta' San Nikola f'Mejju 2025 f'Bari għar-residenti Siġġiwin.

Noto

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi beda l-kuntatti wkoll mal-Kunsill ta' Noto fi Sqallija, fejn il-proċess ta' applikazzjoni ġie approvat u fis-sena 2025 isir il-ftehim uffiċjali li jinkludi koperazzjoni f'diversi setturi, fosthom:

- Koperazzjoni għal aktar turiżmu bejn iż-żewġt ibliet
- Opportunitajiet għal Għaqdiet Siġġiwin li jikkoperaw m'għaqdiet minn Noto
- Koperazzjoni ta' negozju ta' prodotti lokali (biedja u vitikultura)
- Kollaborazzjoni fuq inizjattivi ta' kultura

**Saħħa**

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi għamel l-arranġamenti meħtieġa biex f'Novembru ġiet amministrata t-tilqima tal-Influwenza b'xejn mill-Kunsill stess b'kollaborazzjoni mad-Dipartiment tas-Saħħa. Matul is-sena issir kollaborazzjoni kemm mad-Dipartiment u anka ma' studenti Universitarji għal sessjonijiet tas-saħħa, ċċekjar ta' pressjoni u zokkor u taħdidiet fuq ikel bnin u ħajja sana. Din is-sena kellna sezzjoni mill-MHSA f'Settembru u huma pjanati oħrajn. Kellna wkoll sezzjoni mill-Mobile dental Unit b'check-ups b'xejn fejn kien hemm rikjesta li dawn is-sezzjonijiet jerġgħu isiru. Il-Mobile Blood Doning Unit kienet preżenti 3 darbiet.

**Servizz lil Anzjani Siġġiwin ġewwa ċ-Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi**

F'Jannar ta' din is-sena ġie rinovat il-ftehim tat-tiġdid għal użu taċ-ċentru ċiviku għal anzjani Siġġiwin. Dan il-ftehim ġei iffirmat ma' Dr Renzo Degabriele, Direttur Ġenerali tal-Anzjanità attvita'. Fl-10 snin li ġejjin l-anzjani Siġġiwin se jkunu jistgħu jkomplu jattendu ta' kuljum ġewwa ċ-ċentru ċiviku tas-Siġġiewi, fejn ta' kuljum noffru sessjonijiet ta' ħin b'xejn lil anzjani tagħna. Ġie introdott ukoll is-servizz ta' trasport b'xejn Silver-T lill-anzjani mid-dar tagħhom għal Kunsill u lura, kif ukoll fl-attivitajiet li norganizzawlhom. Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi jipprovdi trasport u lifter lill-anzjani li jattendu dan iċ-ċentru, għajnuna finanzjarja oħra bħal festini f'okkazjonijiet partikolari u ħarġiet kulturali.

**Attivitajiet organizzati mill-Kunsill Lokali Siġġiewi**

Il-Kunsill Lokali matul din il-leġiżlatura żied il-programm t'attivitajiet, u illum għanda kalendarju stabbilti ta' attivtajiet li qegħdin jiġu mtella' annwalment. Ħafna minn dawn l-attivitajiet, bħala Kunsill naraw li ninvolvu 'l ħafna għaqdiet volontarji Siġġiwin, sabiex huma wkoll jkunu parteċipi u fl-istess waqt jkollhom mezz sabiex jtejbu ir-riżorsi finanzjarji tagħhom.

Fost l-attivitajiet li saru;

- Festin ta' San Valentinu għall-anzjani;
- Karnival fil-Pjazza tas-Siġġiewi;
- Serata Mertu Onoreficenza Siġġiewi u Programm Attivitajiet Jum is-Siġġiewi
- Mixgħela Ħamis ix-Xirka fil-Pjazza u s-Salib tal-Għolja;
- Festa Għeneb fis-Siġġiewi – festa ta' tradizzjoni, kultura u snajja
- Programm t'attivitajiet fix-xahar ta' Diċembru u Pjazza Milied
- Kampanji ta' tindif u edukazzjoni ambjentali

**Sosten finanzjarju li Librerija Pubblika Karmenu Vassallo fis-Siġġiewi**

Matul din il-legizlatura tajna għajnuna bħal kull sena sabiex ngħinu il-Librerija Pubblika tas-Siġġiewi tkompli tissaħħaħ u toffri varjeta' akbar ta' kotba relevanti għaż-żminjiet tal-lum. Kull sena l-Kunsill jippreżenta numru ta' kotba kemm lill-iskola u anka lill-librerija biex irawwem l-importanza tal-qari mat-tfal minn eta' żgħira.

**Attivita' Letterarja – Vjal il-Ktieb**

Din is-sena ġiet organizzata attivita' letterarja fi ġnien bil-kollaborazzjoni tal-Aġenzija tal-Litteriżmu. Ġiet imnedija wkoll librerija fil-miftuħ, magħmula mill-Aġenzija Sapport biex nissaportjaw l-inklużjoni. Tpoġġew numru sostanzjali ta' kotba li jistgħu jittieħdu u nħeġġu biex jitpoġġew oħrajn. F'din l-attivita' kien hemm ukoll sezzjoni ta' logħob tradizzjoniali, qari, tpinġija u story-telling. L-attivita' ġiet finanzjata mir-Reġjun Punent.

**Għajnuna u kollaborazzjoni mir-Reġjun Punent**

Il-Kunsill isib kollaborazzjoni sħiħa mir-Reġjun, b'mod speċjali mill-Managers responsabbli minn setturi diversi. Laqgħat spissi ta' aġġornament u anka follow-ups jgħinu fl-eżekuzzjoni tax-xogħol u anka f'kollaborazzjoni f'diversi proġetti. Din is-sena, il-Kunsill irċieva għajnuna finanzjarja mir-Reġjun għal inizjattivi ta' tindif, tiżjin tat-toroq għal żmien il-Milied, attivitajiet u inizjattivi kulturali, servizz mil-LESA għal waqt l-attivitajiet, rimbors għal ħlas ta' risk assessments, għajnuna għal xiri ta' kotba għal-librerija, għajnuna għal tabelli tat-traffiku u mezzi ta' sigurta', u anka għal publikazzjoni ta' informazzjoni dwar skart biex jitqassam fid-djar.

**Għajnuna kontinwa lil Għaqdiet Siġġiwin**

Matul is-sena, il-Kunsill provda għajnuna finanzjarja lil diversi għaqdiet Siġġiwin permezz ta' ftehim milħuq bejn il-Kunsill Lokali Siġġiewi u l-għaqdiet rispettivi, kif ukoll assigura involviment kontinwu fil-programm t'attivitajiet imfassal mill-Kunsill, u wkoll provda użu tas-sala tal-Kunsill b'xejn lil għaqdiet Siġġiwin. Minn żmien għal żmien il-Kunsill jorganizza laqgħa ta' konsultazzjoni mal-għaqdiet biex jisma l-proposti tagħhom u anka jħeġġeġ iktar kollaborazzjoni u parteċipazzjoni.

**Servizzi offruti u utilitajiet**

Il-Kunsill Lokali apparti l-ħdima kollha msemmija hawn fuq joffri servizzi ferm essenzjali għal komunita' Siġġiwija. Fost dawn insibu:

- Ġbir ta' skart madwar il-lokalita' kollha (inkluż iż-żoni rurali tas-Siġġiewi);
- Servizz tal-Knis madwar il-lokalita';
- Servizz ta' ġbir tal-bulky refuse;
- Service ta' landscaping u manteniment ta' ġonna u żoni ħadrana;
- Servizz tan-non urban upkeeping (qtugħ ta' ħaxix ħażin u ġbir ta' annimali mejta)
- Bdil ta' bozoz fit-toroq tal-lokalita' mill-kuntrattur tagħna;
- Installar ta' sinjali tat-traffiku u xogħol ta' sinjali ta' żebgħa mwettqa mill-ħaddiema tal-Kunsill Lokali

KUNSILL LOKALI
IS-SIĠĠIEWI
*Città Ferdinand*

**Kuntatt mar-residenti**

Il-Kunsill qed juża diversi mezzi biex iżomm kuntatt kontinwu mar-residenti. Mezz effettiv hija l-paġna facebook li tiġi aġġornata kontinwament. Ir-residenti jużaw il-messaġġi privati fil-paġna facebook biex jgħaddu l-ilmenti tagħhom li jiġu segwiti u mwieġba. Is-seduta tal-Kunsill tiġi imxandra permezz tal-live streaming. Qed jinħareġ fuljett informattiv perjodikament kull tlett xhur biex ir-residenti jżommu ruħhom aġġornati dwar il-ħidma tal-Kunsill. Barra minn hekk jitqassmu wkoll fuljetti informattivi fuq suġġetti partikolaru u skond il-bżonn.

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi iwiegħed li jkompli jmexxi b'governanza tajba l-fondi pubbliċi allokati lilu, biex jintefqu bl-iktar mod effettiv, effiċjenti u trasparenti possibbli u biex jiżgura valur għall-flus. Jikkommetti li jwettaq ħidma kontinwa biex jaqdi l-funzjonijiet provduti lilu biex itejjeb il-ħajja tar-residenti Siġġiwin, u joħloq ambjent denju għal lokalita' aħjar, li jaħdem għall-benefiċċju tal-lokalita' b'mod ġenerali mingħajr diskriminazzjoni.

Ritienne Giorgino
Segretarju Eżekuttiv

Il-Perit Julian Borg
Sindku

Rapport imressaq u approvat mill-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi f'Seduta numru 472 tat-Tnejn 5ta' Mejju 2025.

KUNSILL LOKALI
IS-SIĠĠIEWI
Città Ferdinand

# Rapport Amministrattiv 2024

## Ryan Cachia

### Viċi Sindku u Kunsillier responsabbli mill-Kultura u Komunitajiet

Fil-bidu ta' din il-leġislatura bħala Kunsill iddeċidejna fuq il-prijoritajiet ta' kull dekasteru. Is-Sindku avdani bir-responsabbiltà tal-kultura u komunitajiet b'enfasi partikolari fuq restawr ta' wirt storiku, żvilupp ta' strateġija għal turiżmu sostenibbli, l-għaqdiet volontarji, in-negozji u l-organizzazzjoni ta' Jum is-Siġġiewi.

Mil-lat tar-responsabbiltà bħala viċi sindku, dejjem rajt li niddeputizza bl-aħjar mod għan-nom tas-Sindku fejn ikun hemm bżonn filwaqt li rajt li naqdi dmiri f'kumitati bħall-bord tal-intervisti u dak tat-tenders.

Mill-bidu nett skattajna fuq ħidma fejn bdejt nagħmel outreach effettiva ma' kull min wera interess li jgħin fid-dekasteri taħt ir-responsabbilità tiegħi. B'hekk bdew jiffurmaw u jiltaqgħu żewġ sotto kumitati: dak responsabbli mill-kultura u wirt storiku u dak responsabbli minn turiżmu sostennibli.

Is-sotto kumitat Kultura u Wirt Storiku beda billi ssettja l-prioritajiet f'dan il-qasam. Dawn kienu d-dawl madwar San Nikola tal-Pjazza, l-istatwa ta' San Pawl fi Triq il-Parroċċa, in-niċċa ta' San Ġwann fi Triq San Nikola u n-niċċa tat-tlett qaddisin fi Triq Blat il-Qamar. Dan is-sotto kumitat lesta proġett żgħir fejn inħadmu erbgħa boċċi għal madwar il-monument tal-għoti tat-titlu ta' Città Ferdinand. Ġew diskussi diversi affarijiet oħra fosthom il-bżonn li jibdew jiġu organizzati mawriet kulturali, jiġu miġbura sett ta' ritratti fuq is-Siġġiewi, jiġu organizzati lectures pubbliċi fuq is-Siġġiewi u l-istorja tiegħu fost affarijiet oħra. Bdiet ħidma sabiex jiġi restawrata l-istatwa ta' San Pawl li filfatt dan il-proġett tlesta f'Marzu 2025 u anke bdiet il-ħidma fuq organizzazzjoni ta' mawra kulturali. Saret laqgħa wkoll mal-Fondazzjoni Kulturali Siġġiewi u ġie maqbul li l-Kunsill Lokali se jagħti l-għajnuna tiegħu sabiex tiġi restawrata l-Kappella Santa Margerita.

Is-Sotto Kumitat Turiżmu Sostennibli beda jiltaqa' f'Novembru u beda jsir il-qafas tal-istrateġija għal turiżmu sostennibli. Bħala sotto kumitat qbilna li nibdew naħdmu fuq hiking trails fir-rural, heritage trail fl-urban, tabelli informattivi, mużew storiku u anke attivitajiet kulturali. Is-sotto kumitat iddeċieda wkoll illi l-pilastri ta' din l-istrateġija għandhom ikunu turiżmu kulturali, turiżmu reliġjuż u turiżmu rurali, filwaqt li jkun hemm rispett sħiħ lejn is-serenità li hu magħruf għalih is-Siġġiewi.

Kien hemm ukoll ħidma fuq diversi attivitajiet kulturali, fosthom Festa Għeneb, festa liturġika, il-Villaġġ ta' Nikola u l-End of Year Race. L-ewwel attività kienet Festa Għeneb fejn rajna li jkun hemm iktar enfasi fuq il-produzzjoni tad-dwieli u tal-inbid, kunċett li se nkomplu naħdmu fuqu fis-snin li ġejjin. Il-Festa Liturġika rajna li tkun organizzata ħafna aħjar minn snin oħra fejn anke kien hemm kwistjonijiet ta' sigurtà tat-tfal. Dan għaliex minn din is-sena l-Kunsill Lokali ingaġġa 3 persuni tas-sigurtà biex għenuna dakinhar tal-purċissjoni tat-tfal kif ukoll ħadna ħsieb li jingħalqu u jitneħħa l-parkeġġ mit-triq tal-purċissjoni. Il-kummenti li rċivejna kienu pożittivi immens.

Fejn jirrigwarda l-attività tal-Milied, ħsibna illi ninvolvu iktar il-figura ta' San Nikola u norbtuha mal-konnessjoni tiegħu mal-Milied. Organizzajna erbgħa attivitajiet: kunċert b'mużika sagra fil-Knisja, il-villaġġ tal-Milied, donazzjoni ta' rigali lil karità u l-End of Year Race. Il-Villaġġ ta' Nikola ħa dimensjoni differenti fejn imraħna lejn toroq dojoq u mhux iffokajna biss fil-Pjazza. Dan ħoloq ambjent uniku tal-Milied u s-Siġġiwin kellhom kummenti sbieħ ħafna fuq hekk. Se nkomplu nibnu fuq dan il-kunċett fis-snin li ġejjin. Għall-ewwel darba għalaqna s-sena wkoll bl-End of Year Race b'risq id-Dar tal-Providenza fejn kellna konkorrenza tajba ħafna mill-atleti u b'hekk is-Siġġiewi għalaq il-kalendarju atletiku Malti. Dan se jkun appuntament annwali.

Biex nagħlaq nista' ngħid illi skattajt b'ħidma intensiva fid-dekasteri li ġejt afdat bihom u dan sabiex inkomplu nkabbru l-għarfien fuq l-identità tagħna bħala Siġġiwin. Dawn l-ewwel 6 xhur servew ta' pedament sod għall-ħidma li fadal ssir matul l-erbgħa snin u nofs li ġejjin fejn se nkomplu npoġġu l-kultura fil-quċċata tal-ħidma tagħna.

## Rapport ta' Ħidma Kunsill Lokali is-Siġġiewi 2024

**Kunsillier Dominic Grech**

**Ħidma fil-Perjodu bħala Sindku tas-Siġġiewi**

Dan ir-rapport li qiegħed nippreżenta jixhed il-ħdima li wettaqt matul l-2024 kemm bħala Sindku kif ukoll Kunsillier fi ħdan il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi. Ir-rapport jinkludi u jinkorpora ħidma ta' kontinwazzjoni fuq proġetti li kienu diġa nbdew fis-snin ta' qabel, filwaqt li jagħti wkoll ħarsa lejn l-ħidma u inizjattivi li wettaqna bħala Kunsill bejn is-snin 2020 sal-2024.

Dawn se jkun spjegati kollha fid-dettal f'dan ir-rapport ippreżentat illum.

**Proġett Family Park fis-Siġġiewi** – Proċess fuq dan il-proġett innovattiv li beda lura f'Ottubru 2020 fejn kien ġie identifkat is-sit ta' Triq Salvu Borg Olivier sabiex jsir l-akbar proġett ta' spazzju miftuħ fis-Siġġiewi, li jinkludi spazzju ħadrani, zona ta' rikreazzjoni u eżerċizzju. Minn zona mitluqa għal ħafna snin u problemi kbar ta' immaniġjar tal-bring-in site u irregolaritajiet, b'rapporti kontiwni mal-pulizzija, illum qiegħed jinbena dan il-proġett ta' 400 metru tul ta' spazzju miftuħ f'waħda mill-isbaħ toroq fis-Siġġiewi. Ix-xogħlijiet fuq dan il-proġett bdew f'Settembru li għadda u mistennija jitlestew f'Mejju li ġej.

Proġett li mistenni jagħti alternattiva għal tfal, żgħażagħ u familji sabiex jibbenefikaw mis-sbuħija ta' dan il-proġett.

Proġett li se jiswa 1.2 miljun ewro bi ftehim bejn il-Kunsill Lokali is-Siġġiewi u INDIS Malta. Intant kif jitlesta dan il-proġett, l-ftehim iffirmat jitlob li l-manutenzjoni tas-sit kollu se tkun fir-responsabbilta' tal-Kunsill Lokali Siġġiewi.

**Toroq ġodda fis-Siġġiewi** – F'dawn l-aħħar 3 snin ta' leġiżatura saru dawn it-toroq kollha fis-Siġġiewi. Dawn saru b'kollaborazzjoni ma' Infrastruttura Malta:

- Parti inizjali minn Triq Mons Mikiel Azzopardi fis-Siġġiewi (L-Bypass)
- Triq il-Parroċċa
- Triq San Nikola
- Triq Nicolo' Baldacchino
- Triq il-Muża
- Triq Għar Lapsi

- Triq tal-Providenza
- Triq ta' Ħal Xuq
- Triq is-Siġġiewi (riċenti)
- Trip Papa Pawlu VI (riċenti)
- Triq il-Palazz tal-Verdala
- Triq iż-Żerniq
- Triq l-Imdina
- Triq John Debattista
- Triq in-Nirien (Parti minnha)
- Pjazza ta' Kirċippu (Quddiem il-Kappella tas-Santissma Trinita')
- Triq Patri Ġużè Delia
- Triq Annabelle Vassallo
- Triq l-Mqabba
- Parti minn Triq Lapsi
- Triq tas-Sruġ (faċċata tad-Dar tal-Providenza)
- 90% tat'toroq rurali ingħataw asfalt jew tarmac permezz ta' fondi ewropej li ksibna b'suċċess bħala Kunsill Lokali fl-2019;

Dawn it-toroq ġodda jinkludu serivzzi ġodda taħt l-art (dranaġġ, ilma, xogħolijiet), bankini ġodda u asfaltar ġdid. Aktar minn hekk b'kollaborazzjoni mal-Enemalta, twettqu diversi interventi taħt l-art, b'xogħlijiet ta' trenching, mgħodija ta' servizz ġodda tal-elettriku (upgrading works), sabiex l-enemalta ssaħħaħ il-vultaġġ tad-dawl fil-lokalita' tagħna, sabiex jkollna infrastruttura taħt l-art li tlaħħaq tajjeb mad-domanda dejjem tiżdied ta' elettriku. Dawn huma proċessi li kien jesiġu ħafna pjanar, diskussjonjiet u kkordinazzjoni mal-entitajiet kollha kkonċernati, sabiex kien possibli u qiegħed jkun possibli li jsiru dawn ix-xogħlijiet.

Intant fi Frar 2023 is-Sindku għan-nom tal-Kunsill Lokali is-Siġġiewi iffirma ftehim ma' Infrastruttura Malta għal bini ta' toroq ġodda li xi wħud minnhom diġa saru, u oħrajn li għaddejin ix-xogħol fuqhom fil-preżent jew inkella għadd jridu jibdew. Dan il-ftehim jkopri is-snin 2023 – 2025 fejn hemm lista ta' toroq li ġew maqblula li jsiru.

Fost dawn it-toroq insibu:

- Triq Annabelle Vassallo
- Triq l-Imqabba
- Triq il-Knisja l-Qadima
- Girgenti Junction (diġa saru xogħolijiet ta' manutenzjoni)
- Parti minn Triq il-Panoramika
- Triq tal-Buskett
- Triq Dr Nikola Zammit
- Triq Blat il-Qamar

**Miżuri ta' sigurta' f'Toroq Siġġiwin**

Il-Kunsill Lokali matul din il-leġiżatura ħa diversi miżuri sabiex jiżdied il-livell ta' sigurta' fit-toroq tagħna. Fosthom:

- Installazzjoni ta' 3 Belisha lights crossings fi Triq Dun Manuel Zammit;
- Arranġamenti ġodda ta' one-ways fis-Siġġiewi, sabiex ntejjbu l-immaniġjar tat-traffiku fil-lokalita', nagħtu aktar toroq lin-nies u lil dawk li jużaw ir-rota u fl-istess waqt ngħollu il-livell ta' sigurta' fit-toroq Siġġiwin;
- Miżuri addizjonali ta' sigurta' fi Triq is-Siġġiewi (ex Triq Sta. Margerita)
- Bdil ta' tabelli ġodda u mirja tat-traffiku b'mod frekwenti

**Proġetti oħra ta' spazzji miftuħa fis-Siġġiewi (Bandli fi Triq Dr Nikola Zammit)**

Apparti proġetti ġodda ta' spazji miftuħa li għaddejin fis-Siġġiewi bħalissa, fosthom il-proġett tal-Park tal-Familja u l-proġett ta' Ramija, ħdimna wkoll sabiex nippreservaw dawk li diġa għanda fil-preżent. Partikolarment, il-bandli fi Triq Dr Nikola Zammit kien wasal għal proġett ta' manutenzjoni.

- Applikajna għal fond għa tisbiħ ta' sapzzji miftuħa permezz tad-Direttorat tal-Kunsill Lokali u b'suċċess ibbenefikajna minn fond ta' 40,000 ewro.

- B'dan il-fond bdilna is-safety flooring kollu tal-ġnien, bdil ta' fence ġdid, żidna aktar siġar, installajna cctv cameras ġodda f'dan is-sit u sar xogħol ġenerali ta' manutenzjoni mill-ħaddiema tal-Kunsill Lokali. Proġett li huwa lest.

Apparti dan il-proġett, il-ħaddiema tal-Kunsill, b'mod perjodiku jwettqu xogħol ta' manutenzjoni f'diversi zona u ġonna pubbliċi li nsibu fis-Siġġiewi.

**Proġett ta' Reading Garden fi Triq Mons Mikiel Azzopardi**

Il-Kunsill Lokali f'Awwissu 2020 għamel talba għal porzjon ta' art fil-byapss sabiex din tinbidel fi ġnieb pubbliku sabiex ir-residenti u l-anzjani ta' dik l-akwata jkollhom fejn jqattaw ftit tal-ħin liberu. L-art għaddiet minn għand l-Awtorita tal-Artijiet għal għand il-Kunsill Lokali fl-2021.

Kif tlesta dan il-proċess, bdejn bid-disinn tal-pjan ta' dan il-ġnien u l-process ta' applikazzjoni mal-Awtorita' tal-Ippjanar. Intant il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi ibbenefika b'suċċess minn skema tal-LESA u l-Assoċjazzjoni tal-Kunsill b'fond ta' 65 elf ewro li permezz tagħhom se jkun possibli li nwettqu dan il-proġett.

Bħalissa ninsabu fl-aħħar stadju tal-proċess mal-Awtorita' tal-Ippjanar sabiex jinħareġ il-permess għal bini ta' ddan l-ispazzju miftuħ ġdid fis-Siġġiewi. Fl-istess wat il-Kunsill lesta l-proċess tat-tendering, sabiex kif jinareġ il-permess nkunu nistgħu nibdew bix-xogħolijiet immedjatament.

**Proġett Komunitarja fiż-żona ta' Ramija**

Fl-2021 bħala Kunsill Lokali Siġġiewi dħalna f'diskussjonijiet mal-*Foundation for the Well Being of Society*, immexxija mill-President Emertu ta' Malta Marie Louise Coleiro Preca sabiex jinbena spazzju miftu fis-Siġġiewi mfawwal fuq ideat li ħarġu minn diversi tfal u studenti li jattendu f'diversi skejjel primarji madwar Malta.

Il-Fondazzjoni dak iż-żmien għażlet lis-Siġġiewi bħala wieħed mill-Kunsill Lokali li xtaqet taħdem magħhom. F'Ottubru 2020 ifirmajt ftehim bejn il-Kunsill u l-Fondazzjoni sabiex nikkonfermaw l-impenn għal ħidma fuq dan il-proġett, filwaqt li d-Dipartiment tax-Xogħlijiet daħal sabiex jwettaq hu dan il-proġett, proġett i se jkun qiegħed jiġġenera din iz-zona fis-Siġġiewi..

Intant il-peremss għal bini ta' dan il-proġett inħareġ f'Ottuburu u f'Jannar ta' din is-sena beda x-xogħol fuq il-proġett, fejn bdiet titħaffer water reservoir ġdid sabiex jinħażen l-ilma tax-xita biex jissaqqew is-siġar ġodda li se jitħawwlu f'dan il-ġnien.

Intant għamilt ftehim mad-Dipartiment tax-Xogħolijiet sabiex jsir xogħol fuq ċnut li spiccaw quddiem il-Housing Estate ta' Ramija. Xogħolijiet li għandhom jibdew f'qasir żmien.

**Applikazzjoni għal European Mobility Week – Permanent Measure – Smart Parking System Proposal**

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi applika għal European Mobility Week, fejn b'suċċess ksibna fond ta' 50,000 li minnhu se nkunu qegħdin nintroduċu diversi miżuri ta' mobilita'.

Fost dawn il-miżuri, se jiġu installati sensors f'kull parkeġġ fit-tali sit flimkien ma' tabelli qabel l-entry points ta' dawn it-toroq li jwissu bl-ammonti ta' parkeġġi disponibbli (u anke jindikaw skond f'liema t-toroq).

Hija prattika sempliċi li tnaqqas il-konġestjoni u ċ-ċirkolazzjoni ta' vetturi bla bżonn mill-qalba tal-lokalita' tas-Siġġiewi.

**Proġetti ta' Restawr u Ħarsien ta' Patrimonju Siġġiewi**

Matul l-2023 komplejna b'aktar inizjattivi ta' restawr fuq patrimonju Siġġiewi, li kien waslu għal restawr jew manutenzjoni. F'dawn l-aħħar sentejn u nofs ta' din il-leġiżlatura wettaqna dawn ix-xogħolijiet ta' preservazzjoni ta' patrimonju Siġġiewi:

- Restawr ta' sett statwi li nsibu mat-telgħa tas-Salib tal-Għolja (restawr ta' 6 statwi)
- Restawr tal-isatwa ta' San Nikola fil-qalba tal-Pjazza (fondi EU GAL Majjistral)
- Restawr tal-Istatwa ta' Santa Marija ta' Ħal Xluq fis-Siġġiewi
- Restawr ta' 2 niċeċ (kienu fi stat dilapidat) fi Triq Santa Margerita fis-Siġġiewi;
- Restawr ta' 3 monumenti ta' poeti Siġġiwin, dak ta' Patri Ġużè Delia, Karmenu Vassallo u Pawlu Aquilina;
- Restawr tal-monument ta' Citta Ferdinand fi Triq Pietru Mallia fis-Siġġiewi;
- Restawr tal-monument vittmi tal-Gwerra
- Aktar tard din is-sena se jsir xogħol ta' restawr fuq il-monument ta' Dr Nikola Zammit;
- Finanzjament mill-Kunsill għal xogħol ta' manutenzjoni tas-saqaf tal-Kappella ta' Santa Marija ta' Ħal Xluq;
- Mozzjoni mressqa minni sabiex bi ftehim mal-Ministru Owen Bonnici se nġibu fondi għar-restawr tal-Kappella tal-Madonna tal-Karmnu fil-Fawwara.

**Restawr taz-zuntier tal-Knsija Parrokjali tas-Siġġiewi**

Wara ħafna snin ta' stennija, f'Marzu 2023 flimkien mal-Ministru Stefan Zrinzo Azzopardi u l-Arċipriet tal-Parroċċa Dun Josef Mifsud iffirmajna l-ftehim li bih id-Dipartiment tax-

xogħolijiet permezz ta' kuntrattur specjalizzat se jkun qiegħed jwettaq ix-xogħol kollu ta' restawr fuq l-istess zuntier.

Bħalissa qiegħed jinqata l-blat li se jkun qiegħed jitqiegħed fuq iz-zuntier. Pietra di modica, fejn bħalissa għaddej dan ix-xogħol fi Sqallija filwaqt li f'Novembru se jibda x-xogħol attwali fuq is-sit taz-zuntier tal-Knisja. Proġett li d-disnni tiegħu saru mil-Perit Centorino lura fl-2007, biss kien issa waqt din il-leġiżlatura ta' Kunsill li din il-ħolma se ssir realta', bi progett ta madwar 1.5 miljun ewro mill-Gvern ċentrali.

Intant fl-ewwel ġimgħa ta' Frar tajna bidu għax-xogħlijiet uffiċjali fuq iz-zuntier, fejn bħalissa għaddejjin bix-xogħlijiet neċessarji fuq dan il-proġett, bil-kumpanija Maltija Vaults, li ġiet aġġudikata bit-tender u r-responsabbilta' tat-twettiq ta' dan il-proġett.

**Proġett restawr Kappella Lunzjata Salib tal-Għolja**

Wara ħafna snin ta' stenniaj u pressjoni li wettaqna bħala Kunsill kemm bi stqarrija kif ukoll bi proposta ta' studju ikkummisjonati mill-Kunsill, f'Jannar 2022 inħareġ il-permess mill-Awtorita' tal-Ippjanar sabiex jibda x-xogħol ta' restawr fuq din il-Kappella ikkundanata u f'periklu kbir li taqa.

Intant f'Awwissu li għadda ġi fi tmiemu l-proċess tal-aġġudikar tat-tender, fejn issa għaddejin il-preparamenti sabiex titnaddaf il-Kappella minn ġewwa, jintrama l-iscaffolding u jibda x-xogħol attwali ta' restawr. Intant x-xogħlijiet fuq dan il-proġett estensiv ta' restawr beda fl-aħħar ġimgħa t'Ottubru li għadda

Dan hu proġett iffinanzjat mill-Gvern Ċentrali permezz tad-direttorat tar-restawr, b'kollaborazzjoni mal-Kunsill Lokali Siġġiewi. Proġett li se jiġi jiswa 1.4 miljun ewro.

**Xogħolijiet ta' manutenzjoni fuq is-saqaf tal-Kappella ta' Santa Marija f'Ħal Xluq**

Il-Kunsill Lokali Siġġiewi provda fond ta. 4,000 ewro li permezz tiegħu saru xogħolijiet ta' tiswijiet fuq parti mis-saqaf ta' din il-Kappella, li l-istess ħsarat kienu qegħdin jikkawżaw ħsarat fuq il-pittura titulari ta' din il-Kappella.

Dan hu fond maħruġ direttament mill-Kunsill Lokali lil Parroċċa sabiex kien possibli li twettaq x-xogħolijiet ta' tiswijiet. Dawn ix-xogħlijiet saru b'kollaborazzjoni bejn l-Arċipriet tal-Parroċċa Dun Josef Mifsud u l-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi.

**Xogħolijiet fuq Widien fil-konfini tas-Siġġiewi**

Matul din il-leġiżlatura saru diversi xogħlijiet ta' tindif u manutenzjoni f'diversi widien fis-Siġġiewi, partikolarment f'dawn l-aħħar sentejn:

- Bollards bħala sigurta tul wied ta' Brija fis-Siġġiewi (Triq mis-Siġġiewi għal Ħaż-Żebbuġ);

- Tindif tal-Wied ta' Brija minn Project Green;
- Toroq ġodda bil-konkos tul Wied il-Ħesri kollu
- Xogħolijiet ta' pavimentar f'Wied Baqqeigħa fis-Siġġiewi
- Tindif tal-Wied ta' Manduca minn Project Green
- Tindif fil-Wied tal-Girgenti minn Project Green
- Tindif fil-konfini bejn Wied Ħesri u Wied Qirda f'Ħaż-Żebbuġ
- Tindif ta' culverts f'Wied iż-żebbuġi fl-aħħar ta' dan is-sajf mill-Cleansing Directorate

**Xogħolijiet f'Għar Lapsi**

Apparti l-manutenzjoni li ssir qabel kull sajf u clean-up event organizzati mill-Kunsill, saru dawn ix-xogħolijiet.

- Rampa ġdida inti u niezel għal bajja ta' Għar Lapsi;
- Bdil ta' ċnut qodma fiz-zona tal-parkeġġ ta' Għar Lapsi;
- Installar ta' numru kbir ta' bollards (minn fondi tal-Kunsill) sabiex nipprevjenu minn rimi ta' skart illegali li jsir fil-Wied ta' Għar Lapsi;
- Installar ta' tabelli ġodda b'kollaborazzjoni mal-NGO 7R;
- Bini ta' culvert fiz-zona tar-reverse osmosis sabiex jipprevjeni mill-ilmijieg li jinzlu mar-rampa li tagħti għal bajja (se jsir mill-Public Works)

Flimkien mar-Regjun Punent ippartecipajna fi skema fejn ġejn inititolati 52,000 elf ewro li bihom se nkunu qegħdin nibdlu t-taraġ li jagħti għal lattrina, kif ukoll se nintroducu apparat awtomatiċi fil-lattrina, kif ukoll se ssir manutenzjoni ġenerali. Intant ix-xogħlijiet se jkunu qegħdin jsiru permezz tal-ħaddiema tad-Direttorat tat-tindif, bi ftehim li sar bejn id-Dipartiment u l-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi.

**Bini ta' ħitan tas-sejjieħ f'zoni rurali fis-Siġġiewi**

Matul din il-leġizlatura impilmentajna proġett ta' numru ta' bini ta' ħitan tas-sejjieħ f'diversi zoni rurali fis-Siġġiewi. Dan hu proġett li l-Kunsill Lokali Siġġiewi ibbenefika b'suċċess minn fond ta' €175,000 permezz tal-miżura 4.4 Fondi Ewropej taħt il-Fond Agrikiolu Ewropew għall-Iżvillup Rurali.

Permezz ta' dan il-fond wettaqna diversi xogħlijiet ta' bini ta' ħitan tas-sejjieh, fosthom:

- Salib tal-Għolja
- Triq Lapsi

- Triq ta' Bellu
- Triq tal-Providenza

**Sosten finanzjarju li Librerija Pubblika Karmenu Vassallo fis-Siġġiewi**

Matul din il-legizlatura tajna għajnuna kull sena sabiex ngħinu il-Librerija Pubblika tas-Siġġiewi tkompli tissaħħaħ u toffri varjeta' akbar ta' kotba relevatni għaż-żminjiet tal-lum.

Permezz ta' skema li benefikajna minna meta konna membri tar-Reġjun Punent, gibna fond ta' 2,500 ewro sabiex saru xkaffar ġdid sabiex jiżdiedu l-ammonti ta' kotba fil-librerija. Dan sar fl-2021.

F'Novembru 2022 ergajna tajna donazzjoni ta' 1,000 ewro f'kotba ġodda i jistgħu jiġu misselfa mill-Librerija Pubblika tas-Siġġiewi.

**Skema LC Care**

F'Novembru 2020 il-Kunsill ibbeneifika minn fond ta' 8,000 ewro, skema intiza sabiex il-Kunsill jkun jista jwettaq miżuri u inizjattivi favur l-annimal, bħan-neutering, bini ta' cat shelters u inizjattivi f'ġonna pubbliċi Siġġiwin.

Peremzz ta' dan il-fond ħadna numru ta' inizjattivi fi spazzji miftuħa bħal Open Gym ta' Triq Mons F.X Mangion, Park ta' Lapsi u fil-Bandli tas-Siġġiewi.

Il-Kunsill Lokali se jkun qiegħed japplika mill-ġdid għal iskema l-ġdida li se tiġi ippublikata f'Jannar li ġej. S'issa il-Kunsill għad jridu jieħdu lura l-fondi li kellna nieħdu mill-iskema tal-2020.

**Proġett ta' manutenzjoni u bini ta' trakka ġdida tal-ġiri fis-Siġġiewi Open Gym**

Permezz ta' fond li ksibna b'suċċess minn Sport Malta, il-Kunsill Lokali Siġġiewi wettaq diversi xogħolijiet f'dan is-sit msemmi, fosthom:

- Bini ta' trakka ġdida tal-ġiri fl-open gym;
- Installar ta' bankijiet ġodda
- Installar ta' 8 CCTV camera ġodda
- Bins ġodda
- Manutenzjoni ġenerali ta' zebgħa u tiswijiet ġenerali

**Proposta ta' spazju miftuħ ġdid ma' Project Green**

Aktar kmieni din is-sena mat-twaqqif ta' Project Green, bħala Kunsill dħalna f'diskussjonjiet mal-istess entita sabiex jsir proġett ambjentali fis-Siġġiewi.

Il-Kunsill proposna żewġ siti fejn jistgħu jsiru inizajtivi ambjentali, fosthom li nirrinvoaw partit mill-Open Gym għal kuncett differenti aktar ħaddrani, kif ukoll tul Triq Dun Manuel Zammit fis-Siġġiewi.

Għaldaqstant għaddejjin bil-proċess sabiex jiġi finallizzat id-disinn mill-perit sabiex mbad nifformalizzaw il-proposta finali u nibdew il-proċess għal permessi.

**Servizz lil Anzjani Siġġiwin ġewwa ċ-Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi**

F'Jannar ta' din is-sena iffirmajt il-ftehim tat-tiġdid għal użu taċ-ċentru ċiviku għal anzjani Siġġiwin. Dan il-ftehim ġei iffirmat ma' Dr Renzo Degabriele, Direttur Ġenerali tal-Anzjanita attvita'

Fl-10 snin li ġejjin l-anzjani Siġġiwin se jkunu jistgħu jkomplu jattendu ta' kuljum ġewwa ċ-ċentru ċiviku tas-Siġġiewi, ejn ta' kuljum niffru sessjonijiet ta' ħin b'xejn lil anzjani tagħna.

Noffru wkol trasport b'xejn kuljum lil anzjani mid-dar tagħhom għal Kunsill u lura, kif ukoll fl-attivitajiet li norgnizzawlhom.

**Attivitajiet organizzati mill-Kunsill Lokali Siġġiewi**

Il-Kunsill Lokali matul din il-leġiżlatura żied il-programm t'attivitajiet, u illum għanda kalendraju stabbilti ta' attivtajiet li qegħdin jiġu mtellgħa annwalment.

Ħafna minn dawn l-attivitajiet, bħala Kunsill nara li ninvolvu l-ħafna għaqdiet volontarji Siġġiwin, sabiex huma wkoll jkunu parteċipi u fl-istess waqt jkollhom mezz sabiex jtejbu ir-riżorsi finanzjarji tagħhom.

Fost l-attivitajiet li tellajna saru;

- Festa Għeneb fis-Siġġiewi. Din is-sena ġiet organizzata għal ewwel darba fuq jumejn. Is-Sibt 16 u l-Ħadd 17 ta' Settembru, jumejn li attiraw mijiet ta' nies lejn il-Pjazza tas-Siġġiewi u t-toroq tal-madwar;
- Programm t'attivitajiet tal-Milied;
- Pjazza Milied
- Karnival fil-Pjazza tas-Siġġiewi;
- Mixgħela Ħamis ix-Xirka fil-Pjazza u s-Salib tal-Għolja;

- Halloween għat-Tfal u ż-Żgħażagħ Siġġiwin;
- Pjazza Pedonali (Ġunju 2022)
- Mertu Onoreficenza Siġġiewi
- Programm Attivitajiet Jum is-Siġġiewi
- Clean-up Campaigns
- Bllod Donation Unit (6 darbiet fis-sena)
- Attivitajiet perjodiċi għat-Tfal fosthom fi żmien il-Milied, l-Għid, fil-ġimgħa tal-Festa u fi tmiem is-sena skolastika.

**Tilqim għal Influenza u l-Covid**

- Il-Kunsill f'Ottburu u Novembru joffri t-tilqima tal-Infuenza b'xejn lil anzjani tagħna 60+, mill-Kunsill stess lil anzjani kollha.
- Dawn jiġu infurmati b'ittra kif ukoll b'telefonata

**Ġemellaġġ mal-Belt ta' Bari fl-Italja**

Fl-14 t'Ottubru li għadda immarkajna mument storiku għal-lokalita' tagħna fejn wara ħafna snin ta' stennija, l-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi iffirma flimkien mal-Belt ta' Bari ftehim ta' ġemellaġġ.

Belt assocjata ferm mas-Siġġiewi u għal qalb is-Siġġwin, hekk kif hemm il-fdalijiet tal-Qaddis Patrun San nikola meqjuma f'din il-Belt Taljana.

Il-ftehim bejn is-Siġġewi u Bari jinkludi koperazzjoni f'diversi setturi, fosthom:

- Koperazzjoni għal aktar turiżmu bejn iż-żewġt ibliet
- Opportunitajiet għal Għaqdiet Siġġiwin li jikkoperaw m'għaqdiet minn Bari
- Koeprazzjoni ta' negozju ta' prodotti lokali
- Kollaborazzjoni fuq inizjattvi ta' kultura

Dan il-ġemellaġġ mixtieq għal ħafna snin se jimmarka l-bidu ta' relazzjoni mill-qrib bejn iż-żewħt ibliet u dan b'beneficcju għas-Siġġiwin kollha.

**Għajnuna kontinwa lil Għaqdiet Siġġiwin**

- Għajnuna finanzjarja provduta lil diversi għaqdiet Siġġiwin peremzz ta' ftehim milħuq bejn il-Kunsill Lokali Siġġiewi u l-għaqdiet rispettivi;
- Involviment kontinwu fil-programm t'attivitajiet imfassal mill-Kunsill
- Kiri tas-sala tal-Kunsill b'xejn lil għaqdiet Siġġiwin
- Involviment f'attivitajiet li jorganizza il-Kunsill Lokali matul is-sena, fosthom Festa Għeneb, Pjazza Milied fis-Siġġiewi, Attivita tal-Karnival, Mixgħela ta' Ħamis ix-Xirka, Milied f'ta' Kirċippu, Pjazza Pedonali u aktar attivitajiet.

**Investiment f'CCTV cameras u wifi spots ġodda fis-Siġġiewi**

Permezz ta' ftehim li l-Kunsill Lokali Siġġewi għamel mar-Reġjun Punent, il-Kunsill identifika numru ta' postijiet fis-Siġġiewi fejn hemm bzonn li jiġu installati CCTV cameras ġodda bħala mizuri ta' sigurta madwar il-lokalita'.

Infatti il-Kunsill identifikati 5 siti fis-Siġġiewi fejn se jkun qegħdin jiġu installati dawn ic-cctv cameras ġodda. Aktar minn hekk il-Kunsill qiegħed jaħdem fuq installar ta' wifi spots ġodda fil-Pjazza, Għar Lapsi u l-Bandli tas-Siġġiewi.

Dawn l-inizjattivi jikkumplimentaw mal-kollaborazzjoni tajba li hemm bejn il-Kunsill u l-Pulizzija ta-Komunita' tas-Siġġiewi u Ħaż-Żebbuġ, fejn magħhom niltaqgħu b'mod frekwenti sabiex naħdmu fuq id-diversi sfidi li litterlament jqumu minn ġimgħa għal oħra.

**Introduzzjoni tal-Smart Bins fis-Siġġiewi**

Fl-aħħar xhur introduċejna l-kunċett ta' smart bins ġewwa s-Siġġiewi, sistem aktar efficenti ta' bring in-site madwar il-lokalita'.

Bl-introduzzjoni ta' dawn l-4 bring-in-sites ġodda, li jitnaddfu kuljum mill-kuntrattur, ir-residenti Siġġiwin għandhom facilita akbar li jistgħu juzawhom eqreb lejn id-djar tagħhom u dan anki fid-dawl ta' Avviż legali li ġie ippubblikat f'Ġunju 2021.

Dawn l-4 bring-in-sites ġodda illum huma operabbli u m'għandix kwistjoni t'abbuzzi permezz ta' sistema ta' sorveljanza 24/7 mal-LESA.

**Xogħol ta' tindif, qtugħ ta' ħaxix selvaġġ u ġbir ta' skart**

Bejn Jannar sa' Ġunju 2024 komplejna għaddejjin b'aktar ħidma ta' tindif ta' ħaxix selvaġġ, kemm fiz-zoni rurali tas-Siġġiewi, liema xogħolijiet jitwettqu mill-kuntrattur inkarigat, kif ukoll tindif ta' ħaxix selvaġġ ma' bankini, upgrading u embellishment tar-



6

roundabouts madwar is-Siġġiewi, żieda fi tħawwil ta' siġar fil-lokalita, u xogħol ta' manutenzjoni f'zoni pubblici u miftuħa madwar is-Siġġiewi.

Dawn ix-xogħolijiet saru kemm mill-impjegati tal-Kunsill kif ukoll minn kuntratturi inkarigati li kien jwettqu xogħol li ma' jsirux mill-impjegati tal-Kunsill (dawk li jaħdmu barra mill-uffiċċju tal-Kunsill)

**Ċentru ġdid ta' servizz ta' servizz.gov fis-Siġġiewi**

F'Ottubru 2022 għal ewwel darba ġie inawgurat ċentru ġdid tas-servizz.gov. Uffiċju li joffri diversi servizzi essenjali b'risq il-komunita tagħna, bħal servizz ta' gwida fuq taxxa, benefiċji, materji realtat ma' jobs+, etc.

Dan tradizjonalment kien magħruf bħala "Il-Labour Office". Minħabba l-fatt li fis-Siġġiewi ma' konniex qegħdin nipprovdu dan is-servizz, f'Jannar 2022 daħlna f'diskussjonjiet mal-Kap Eżekuttiv ta' servizzi.gov fejn wasalna għal ftehim sabiex jinfetaħ uffiċju ġdid u modern fis-Siġġiewi, minħabba l-fatt li fis-Siġġiewi kien għad m'għandiex dan is-servizz.

Permezz ta' dawn id-diskussjonjiet illum wasaln sabiex ħafna Siġġiwin qegħdin jinqdew tajjeb b'dan is-servizz, bil-kumdita' kollha, f'uffiċju li jinsab integrat maċ-ċentru ċiviku.

**Korsijiet edukattivi u Kuturali ġewwa ċ-Ċentru Ċiviku**

Matul din il-leġizlatura ta' Kunsill Lokali fis-Siġġiewi żidna n-numru ta' korsijiet li l-Kunsill joffri għas-Siġġiwin ġewwa ċ-ċentru civiku u dawn partikolarment żdiedu wara tmiem l-pandmeija fl-2022.

Dawn il-korsijiet huma intiżi għal etajiet differenti, kemm żgħażagħ, adult u anzjani li għandhom il-faċilita li jagħżlu xi kors ta' taħriġ li jinteresshom jtejjbu l-ħiliet tagħhom.

Dawn il-korisjiet jsiru kollha ġewwa l-binja tal-Kunsill. Korsijiet offruti kemm direttament mill-Kunsill Lokali kif ukoll b'kollaborazzjoni mal-Lifelong Learning.

Dawn huma:

- Sessjonjiet tal-Yoya
- Kors Pilates
- Kors kif tinħadem il-bizzila
- Kors dwar is-sengħa u t-teknika tal-Presepju
- Kors ta' taħriġ fil-kitba tal-Malti, offrut mill-Edukatur Siġġiewi is-Sur Nikol Bezzina
- Kors fil-Franċiż

- Kors tal-Pittura
- Kors tat-tpeniġija għat-tfal
- Reading Classes għat-trabi u ġenituri

**Tħawwil ta' siġar ġodda madwar il-lokalita'**

Matul din uil-legizlatura ħawwilna numri ta sigar ġodda f'diversi zoni fis-Siġġiewi. Dan xi wħud minnhom saru permezz ta' inizjattivi ta' attivitajiet ambjentali ma' NGOs fosthom 7R Lifestyle Malta u s-Siġġiewi Scout Group, kif ukoll b'kollaborazzjoni mal-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ.

Ħadna inizjattivi oħra bħala Kunsill fejn ħawwilna siġar f'zoni urbani fejn hemm nuqqas ta' siġar, fosthom fir Triq Mons Mikiel Azzopardi, Triq Pietro Mallia, Triq Dun Manuel Zammit u fejn ir-roundabout ta' Brija, fil-limiti tas-Siġġiewi.

**Servizzi li l-Kunsill Lokali Siġġiewi joffri b'xejn kuljum**

Il-Kunsill Lokali apparti l-ħdima kollha msemmija hawn fuq joffri servizzi ferm essenzjali għal komunita' Siġġiwija. Fost dawn insibu

- Ġbir ta' skart madwar il-lokalita' kollha (inkluż iz-zoni rurali tas-Siġġiewi);
- Servizz tal-Knis madwar il-lokalita';
- Servizz ta' ġbir tal-bulky refuse;
- Service ta' landscaping u manteniment ta' ġonna u zoni ħaddrana;
- Servizz tan-non urban upkeeping (qtugħ ta' ħaxix ħażin u ġbir ta' animali mejta)
- Bdil ta' bozzoz fit-toroq tal-lokalita' mill-kuntrattur tagħna;
- Installar ta' sinajli tat-traffiku u xogħol ta' sinjali ta' żebgħa mwettqa mill-ħaddiema tal-Kunsill Lokali

**Ħidma fil-Perjodu bħala Kunsillier – Ġunju 2024 - 2029**

F'din il-leġiżlatura minkejja li m'għandix dekasteru speċifiku li jien responsabbli minnu, qiegħed nagħti daqqa t'id fil-ħidma relatata mal-kultura u l-ħarsien tal-patrimonju Siġġiewi.

Propost xogħol ta' restawr fuq il-Kappella tal-Madonna tal-Karmnu fil-Fawwara

Fl-aħħar xhur kont involut f'diskussjonjiet sabiex jimxi l-process li għandu jagħti bidu għax-xogħolijiet ta' restawr fuq il-Kappella tal-Madonna tal-Karmnu fil-Fawwara. Proċess li diġa konna bdejna b'diskussjonijiet mal-Ministru tal-Kultura Dr Owen Bonnici,

iss-Segretarju Amministrattiv tal-Kurja tal-Arċisqof is-Sur Michael Pace Ross u l-Arċipriet tal-Parroċċa San Nikola fis-Siġġiewi Dun Josef Mifsud fl-aħħar leġiżlatura tal-Kunsill Lokali 2019 – 2024.

F'Novembru 2023 konna ħejjejna l-bażi sabiex bdejna id-diskussjonijiet b'mod formali, fejn gew preżentati minn naħa tal-Kurja ir-rapporti tekniċi li kien ġew ikkummisjonati mill-Knisja stess, proposti għar-restawr ta' din il-Kappella fil-Fawwara. Dan sar f'laqgħa formali li kienet saret ġewwa l-uffiċju tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi.

Intat fl-aħħar xhur minn din il-leġizlatura ikkordinajt żewġ laqgħat, waħda mal-Ministeru responsabbli mill-Kultura u l-ieħor mal-SEM Fondi Ewropej – l-Aġenizja tal-Gvern ċentralizzata sabiex tamministra l-Fondi Ewropej b'risq Malta

**Xogħol ta' restawr fuq Patrimonju Siġġiewi**

Matul din il-leġiżlatura qegħdin nkomplu naħdmu fuq aktar proġetti ta' restawr fuq patrimonju Siġġiewi. Wara li fl-aħħar leġiżatura wettaqna xejn anqas minn 20 statwa / monument madwar is-Siġġiewi li ġew irrestawrati, f'dawn l-ewwel xhur flimkien mal-Viċi Sindku is-Sur Ryan Cachia ħdimna fuq il-proġett ta' restawr tal-Istatwa ta' San Pawl. Statwa li tinsab biswit il-Knisja Parrokjali tas-Siġġiewi u l-Kamrun, binja amministrata mill-istess Parroċċa tas-Siġġiewi. Matul l-ewwel ġimgħat tas-sena ħdimna fuq dan il-proġett, flimkien mar-restawratur is-Sur Melvin Gauci li lesta dan il-proġett fl-ewwel ġimgħa ta' Marzu, fejn ġie imbagħad uffiċjalment inawgurat mis-Sindku l-Perit Julian Borg u l-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi, nhar l-ewwel Ħadd ta' Marzu fl-okkażjoni ta' Jum is-Siġġiewi 2025

**Jum is-Siġġiewi 2025**

Fir-rigward tal-Programm t'attivitajiet ta' Jum is-Siġġiewi li kellna f'Marzu ta' din is-sena, fil-bidu tal-2025 kont mistieden biex nattendi għal laqgħata' preparazzjoni għal programm t'attivitajiet li kellu jiġi mħejji għal Marzu. F'din il-laqgħa tajt l-ideat u proposti tiegħi b'risq dan il-programm.

Wara din il-laqgħa ma kontx aktar infurmat bil-preparamenti li kienu għaddejjin.

**Rapport ta' Ħidma – Lulju 2024 – Mejju 2025**

F'din il-leġislatura, s-sindku l-Perit Julian Borg qassam id-dekasteri u r-responsabiltajiet lil kull kunsillier elett fid-disa leġislatura tal-Kunsill Lokali Siġġiewi. Qabel ma nitkellem fuq dan u fuq il-ħidma li flimkien magħkom wettaqt fl-ewwel għaxar xhur tiegħi f'din il-kariga, żgur li ma nistax nibda billi għal darb'oħra nirringrazzjkom għal dan il-privileġġ li għoġobkom ittuni, biex nirrapreżentakom fil-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi.

Għal 5 snin li ġejjin, s-sindku għoġbu jafdani bid-dekasteri u responsabiltajiet segwenti:

- Indafa
- Anzjani
- Kura u Saħħa Pubblika
- Innovazzjoni diġital flimkien mal-implimentazzjoni ta' proġett ta' CCTV cameras

**Indafa**

Fl-ewwel ġimgħat tiegħi bħala kunsillier, flimkien mal-amministrazzjoni tal-kunsill u working group li waqqaft fuq dan id-dekasteru, bdejna nimplimentaw pjan ta' ħidma fejn jidħol it-tindif tal-lokalita, kemm fiż-żoni urbani u anka rurali. Waħda mill-ewwel tibdiliet li ħdimna fuqha kienet li naraw li kull kuntrattur jagħti livel għoli ta' xogħol, saħansittra b'instanzi fejn tlabna lil kuntratturi li jerġa' jsir xogħol ta' tindif anka tard filgħaxija sabiex nassiguraw li raħalna dejjem jinżamm nadif. Fadal ħafna xi jsir, pero nemmen li qbadna ritmu tajjeb ħafna. Min Jannar li għadda daħal fis-seħħ tender ġdid b'skeda ddettaljata fejn jidħol il-knies tat-toroq ta' din il-lokalita. Fl-aħħar xhur tgħajna spinta kbira ukoll lit-tindif ta' qabel, waqt u wara kull attivita li ġiet organizzata mill-kunsill lokali. Għamilna ukoll qabża kbira ta' kwalita fiż-żamma u t-tindif tat-toroq rurali, bl-isfidi kollha li jġibu magħhom dawn it-toroq, hekk kif il-lokalita tagħna għandha waħda mill-akbar żona rurali f'pajjiżna.

**Anzjani**

Permezz tal- homevisits, li għamilt qabel l-elezzjoni, kelli l-opportunita nifhem aktar kemm lanzjani tagħna għaddejjin min diversi sfidi fosthom, is-solitudni. Għal daqstant mill-ewwel jiem tiegħi bħala kunsillier responsabbli mill-anzjani bdejt naħdem sabiex nagħtu aktar wens lill anzjani b'diversi modi fosthom b' ċentru ta' matul il-jum attiv. F'Frar 2025 bħala Kunsill Lokali organizzajna l-ewwel attivita għal anzjani tal-lokalita' tagħna, fejn f'Jum San Valentinu għamilna attivita mill-isbaħ għal-anzjani. Attivita li bis-sempliċita kollha tagħna, tgħajna lill anzjani nofs ta' nhar mimli divertiment u kumpanija sabiħa.

**Kura u Saħħa Pubblika**

L-ingliżi jgħidu, "Prevention is better than cure", u din ser tkun il-politika tiegħi f'din irresponsabbiltà, sabiex naraw kif b'aktar inizzjativi differenti nkomplu nżiedu l-għarfien u fejn hu possibli, l-opportunitajiet għal aktar servizzi mediċi bażiċi. Fl-ewwel għaxar xhur biss ser inkunu ġew organizzati numru ta' inizzjativi fosthom:

- Sessjoni ta' health check-ups mill-għaqda studenteska tal-mediċina MHSA, fejn sarutestijiet tal-livell taz-zokkor fid-demm u l-pressjoni.
- Dental Health checkups, li flimkien mad-dental mobile unit ta' Universita ta' Malta organizzajna għar-residenti Siġġiwin.
- Seminar fuq il-Kura tad-Dementia flimkien mal-Isptar Ġenerali t'Għawdex.

**Innovazzjoni Diġitali**

Flimkien mal-amministrazzjoni tal-kunsill u sħabi l-kunsilliera, qed naraw li bl-użu tat-teknoloġijajkollna aktar kunsill effiċjenti, kunsill li jaqdik. Filwaqt li qed naraw li nżidu l-metodi ta' kommunikazzjoni li resident ikollu biex jagħmel kuntatt mal-kunsill fosthom b'upgrade li għamilna fis-sistema tat-telefonija tal-Kunsill Lokali biex din tkun tista' tlaħħaq ma' aktar telefonati, qed naraw li permezz tat-teknoloġija nagħtu spinta l-operat tal-kunsill lokali ukoll, fosthom bl-implimentazzjoni ta' aktar CCTV cameras sabiex jgħinu fil-glieda kontra r-rimi ta' skart illegali u nkunu qed nassiguraw aktar sigurtà f'punti strateġiċi fis-Siġġiewi.

Dan għadu biss il-bidu, għaldaqstant determinat li flimkien magħkom inkompli naħdem kuljum sabiex ikollna lokalita aktar nadifa u komunita aktar b'saħħitha. Determinat li flimkien ma' sħabi l-kunsillieri kollha, nibqa' naħdem għal ġid tal-lokalita tas-Siġġiewi, filwaqt li nara li l-bniedem u l-ġid komuni jibqa' dejjem fiċ-ċentru tal-politika tagħna.

Charles Vassallo
Kunsillier Lokali – Kunsill Lokali Is-Siġġiewi